MONS SION IN JERUSAL



Tifkira

Ta' għeluq

L-elf u disa' mitt sena

Mill-miġja

Ta' San Pawl

F'Malta.

Is-Sitt Sena — LULJU - SETTEMBRU, 1960 — Għadd 3

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes."*

LEĦEN

# L-ART IMQADDSA

QARI

LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR

MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAHRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA



Is-Sitt Sena LULJU - SETTEMBRU, 1960 Għadd 3

## X'FIH DAN IL-GĦADD

Jeħtieġ li Nafuhulu! (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... ... ... 65

L-EWWEL TAQSIMA — DAWL

Il-Martri ta' Damasku (Fra Nikol O.F.M.) ... ... ... ... ... ... 66
Ir-Risq ta' Jiem il-Ġimgħa ... ... ... ... ... ... ... ... 72
Ittra Apostolika tal-Papa Ġwanni XXIII Lill Ġeneral ta' l-Ordni Franġiskan ... ... ... ... ... ... ... ... 73
Minn Geriku għal Baħar il-Mejjet (Dun Anton Tabone) ... ... ... ... 75
L-Arpa ta' David ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 77

IT-TIENI TAQSIMA — ĊENTENARJU

Kien S. Pawl Raġel f'Saħħtu? (P.P. Saydon) ... ... ... ... ... ... 78
Fejn Niżel Malta S. Pawl ... ... ... ... ... ... ... ... ... 79
Il-Grotta ta' S. Pawl tar-Rabat ... ... ... ... ... ... ... ... 85
L-Istorja ta' San Pawl ... ... ... ... ... ... ... ... ... 90
Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... ... 95
Requiescant in Pace ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 96

*Direzzjoni*: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni*: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# JEHTIEG LI NAFUHULU!

*Is-sejħa ta' niesna l-bikrija, mid-din għafsi tal-Kangħanîn għad-Din ħelu ta' Ġesù Kristu, tixbaħ wisq lis-sejħa ta' San Pawl, mid-din aħrax tal-Lhud għad-Din ħiemel tal-Iben t'Alla. San Pawl ma qalebx għad-Din Nisrani għax qagħad jaħseb u jifhem kemm kien minnu t-tagħlim tal-Evanġelju, anqas għax talab dawl 'l Alla li jgħarrfu x'kellu jagħmel; imma kif stqarr huwa n-nifsu, għax Ġesù Kristu, minn rajh, qabdu u ħatfu fit-triq ta' Damasku, u mill-akbar għadu tiegħu, għamlu, l-akbar ħabib. Ġesù ħares lejn qalb San Pawl. Taħt l-imġieba ħarxa u demmija tiegħu, lemaħ qalb safja u mħeġġa, u dik il-qalb riedha għalih, għax fis-sewwa kienet tiegħu. U dik il-ħeġġa ried jinqeda biha, f'dak l-ewwel żmien, biex jixgħel id-Dawl tad-Din Nisrani fl-artijiet ta' ma' dwar il-Palestina.*

*Hekk ukoll kienet is-sejħa ta' Malta. San Pawl kien sejjer għal xogħlu Ruma, imma Ġesù raġa' qabdu, bla ma saqsieh, u ġiebu Malta. San Pawl kien qal lil baħrin biex ma jitilqux minn Marsa-l-Ġmila, fi Kreta (Atti, XXVII, 10-11), imma Ġesù ġebilhom fehma oħra biex joħorġu minn hemm, u hekk kif ħarġu qajjem ir-riħ u l-baħar, li ħatfu l-ġifen bin-nies ta' fuqu, u dâli ġebuh Malta. Bħal ma Ġesù fil-Ġetsemni qal lill-Alla:* "M'hux li rrid jien *isir, imma* li trid Int," *hekk, bil-maqlub qal lil Pawlu:* "M'hux li trid int *isir, imma* li rrid Jien!"

*Il-ħniena għal dik il-qalb ta' rieda tajba (moħbija taħt imġieba żorra) li ġiegħlet lil Ġesù jaħtaf lil San Pawl fit-triq ta' Damasku, ġiegħlitu mill-ġdid jaħtfu mill-baħar ta' qrib Kreta u jġibu Malta, ħalli jixgħel fost l-imsejkna niesna n-Nâr li jsaħħan u jdawwal tad-Din Nisrani. Kemm kienu nies ta' qalb tajba l-Maltin ta' dak iż-żmien, jidher ċar mill-ħniena li wrew għal meħlusin mill-għarqa. Għax ma qagħdux jibżgħu għal ħatab li kellhom merfugħ għax-xogħol, imma ħarġuh, u ħarquh bil-qalb it-tajba, bla ħadd ma qalilhom, biex jaħju lil dawk li kienu fil-ħtieġa. U kemm kellhom f'moħħhom il-ħsieb tas-sema, jidher ukoll, għax malli lil San Pawl gidmitu l-lifgħa, mill-ewwel ħasbu li dak kien għedieb Alla. U meta raw li ma ġralu xejn, ma qalux li kien saħħar, imma li kien xi alla li niżel mis-sema.*

*Il-bidla ta' San Pawl mill-ħażin għat-tajjeb, ġrat bi ħsieb ħanin wieħed ta' Ġesù, bħal ma ġrat il-bidla mill-ħażin għat-tajjeb ta' niesna l-bikrija. San Pawl għaraf il-ġid u l-imħabba ta' Ġesù għalih, u ħallsu, xogħal b'xogħol u għożża b'għożża. Għal Ġesù ġera mad-dinja, inħaqar u bata, u ħamel kull xorta ta' hemm: ġugħ u għera; ħabs u swât; taħġir u għarqa, u fl-aħħar il-mewt. Kien raġel San Pawl, għax għaraf il-ġid u ħela ħajtu biex iħallsu. Hekk għamel, għax hekk kien jixraq ta' bil-ħaqq.*

*U aħna l-Maltin, x'sejrin nagħmlu? Ma għandniex, bħal San Pawl, nagħrfu l-ġid u l-ġiħ, li għamel magħna Ġesù? Ma kienx jewilla ġiħ kbir għalina, li Ġesù jisraq lil San Pawl minn Kreta, gżira kbira u mrawwma, u jġibu Malta, gżira żgħira u barbrija? Le! Jeħtieġ li nuruh lil Ġesù kemm nafuhulu! U jekk ma nagħmlux hekk, ma nkunux irġiel!*

***ID-DIREZZJONI***

# IL-MARTRI TA' DAMASKU

## (EGHLUQ L-EWWEL MITT SENA)

Sa ftit fuq il-mitt sena ilu, l-Insara li kienu jgħixu fl-artijiet tat-Turkija, ma kellhom ebda jedd ta' beltin, jew *ċittadini* tal-pajjiż. Kienu jinżammu ħajjin biss bħala nies maħmûla, għax jagħmlu xi ħaġa tal-ġid, bħal ma jinżamm ħaj ħmâr, jew żiemel, jew baqra; l-Insara Ewropin li kienu jgħammru hemm, kienet taqbeż għa-f'Pariġi, fit-30 ta' Marzu tas-sena 1856, das-Sultan kellu, għad li fuq il-qalb, ixandar il-Kostituzjoni l-ġdida, li biha n-nies kollha ta' taħt il-ħakma tiegħu, Misilmin u Nsara, kellhom xorta waħda jeddijiet u dmirijiet bħal xulxin.

Il-Misilmîn, l-aktar dawk li jgħidulhom Druż, dil-ħaġa, li l-Insara jku-



*1. Patri Manwel Ruiz, qatgħulu rasu fuq l-artal. 2. Patri Karm Volta, qatluh bid-daqqiet ta' mannara. 3. Patri Engelbert Holland, qatluh bil-mannara wkoll. 4. Patri Pietru Soler, miet bid-daqqiet ta' sejf.*

lihom Franza, u l-Insara Griegi kien jaqbeż għalihom il-Kzâr. Xi ftit Ġermaniżi li kien hemm, kien jieħu ħsieb iħarishom il-Kaiser. Imma l-Imsejkna Insara Għarab ma kellhom lil ħadd, li kellu d-dmir u l-jedd, li jħâmi għalihom.

Fi żmien il-bidu tal-ħakma tas-Sultan Tork Għabd-el-Meġîd, bis-saħħa u l-indaħîl tal-ħakmiet tal-Ewropa, dan il-jasar naqas. U bir-rassa tagħhom ukoll, fit-Trattat li kien sar nu magħduda bħalhom xorta waħda, ma setgħux għaliha. U r-Rjus il-Kbar tad-Din tagħhom mill-Mekka, bdew iħarrxuhom ħalli joqtlu lill-Insara kollha, jew kemm jistgħu minnhom, biex il-jeddijiet jibqgħu bħal ma kienu qabel, tal-Misilmin biss.

Il-għidut beda ftit ftit jimxi, u l-Misilmin jitħarrxu dejjem aktar. Meta raħal, jew belt, jissaħħan sewwa, jinbagħtu nies minnu ħalli jsaħħnu lin-nies ta' xi mkien ieħor qrib

tiegħu. It-tixwix beda jikber, l-aktar fil-pajjiż ta' Libnân, fejn kien hemm kotra kbira ta' Nsara Għarab Maronija. Beda jistama' li qiegħed isir il-qtil. Il-qtil għall-ewwel kien ftit u fuq l-iġbla, imma ma damx ma niżel ukoll fil-bliet tal-isħla u l-wetgħât. Il-Pulizija Torka billi kienet magħmula minn Misilmîn, kienet tagħlaq għajnejha, l-aktar għax is-Sultan kien ħareġ dak il-bandu fuq il-qalb. Għalhekk l-Insara kollha kienu qegħdin jgħixu f'biża' kbir u taqtiq il-qalb, l-aktar f'Libnân u fis-Surija.

jem kienu jinsabu familji sħâħ ġewwa darhom maqtula.

F'Damasku qtajja' ta' Misilmin kienu jieqfu fit-toroq, iħażżu fl-art salib, u lil kull nisrani li jgħaddi minn hemm, kienu jqabbduh jirfes fuqu. Wieħed mix-xjuħ tal-Misilmîn kien jidher idur mal-belt, b'kelb kbir marbut minn ħanniqtu u f'għonqu mdendel salib, u qtajja' ta' tfal żgħar u mdaqqsin jgħajjtu warajh: "Ma eħla... ma eħla... ma eħla... debħ in-Nasâra!" (jiġifieri: *Kemm hu ħelu, kemm hu ħelu, kemm hu ħelu qtil l-Insâra* !)



5. *Patri Nikola Alberca, qatluh b'tiri ta' pistola.* 6. *Fra Franġisk Pinazo, xeħtuh minn fuq il-kanpnar.* 7. *Patri Nikanor Ascanio, qatgħulu griżmejh.* 8. *Fra Ġan-Ġakbu Fernandez, xeħtuh minn fuq il-kanpnar ukoll.*

Id-damdim tal-kanuni tal-Misilmîn fil-bidu tar-Ramadân tas-sena 1860 kien jittieħed bħala t-tokki tal-agonija tal-Insâra. Bħal ma aħna l-Maltin fil-Gwerra li għaddiet meta konna nisimgħu n-nafra, jew *serena* tnewwaħ, konna ngħidu: "min jaf jaħasra, min sa jmut!" hekk ukoll l-Insara tas-Surija, meta kienu jisimgħu l-kanun jispara għat-tislija tal-Misilmîn fil-għaxija, kienu jgħidu: "min jaf dal-lejl min fostna sa jisfa maqtul!" U hekk kien ikun, għax fil-għodu dej-

Id-Dejr tal-Franġiskani ta' Bab Tuma, kien sar il-maħrab ta' għadd kbir ta' Nsara mbeżżgħa. F'dak id-Dejr kien hemm tmien Franġiskani, li kienu lil dawk l-Insâra iqaddsulhom u jqarbnuhom, u jfarrġuhom mill-aħjar li jistgħu. Imma darba waħda, wieħed Lhudi li kien jaħdem f'dak id-Dejr, u li l-Franġiskani kienu waqfu miegħu wisq drabi, lil Misilmîn urihom minn fejn setgħu jidħlu bil-lejl, minn bieb żgħir li kien hemm moħbi; u huma tassew daħlu, u hekk

bdiet it-taqtiegħa tal-biża', mis-7 sal-11 ta' Lulju, tas-sena 1860.

*PATRI MANWEL RUIZ*

Is-Superjur tad-Dejr, Patri Manwel Ruiz, kien waħdu fil-knisja, għassa tas-Sagrament. Imma meta sama' lil qattiela Druż ġejjin għan-naħa tiegħu, b'għaġla kbira tqarben bl-ostji kollha kkunsidrati li kien hemm, fit-Tabernaklu biex ma jaqgħux f'idejhom. Malli l-qattiela waslu, "Ja kelb!" qalulu, "jew taqleb Mislem issa-issa, jew naqtgħulek rasek!" Patri Ruiz medd rasu fuq l-artal u qalilhom: "Hawn ħi rasi, ħâ, aqtgħuha!" U hekk għamlu; u l-artal ixxarrab b'demmu u hekk ukoll il-ktieb tal-Evanġelju li kellu f'idu.

Patri Ruiz kien twieled f'pajjiż fi Spanja, jismu San Martin de las Ollas. Daħal Franġiskân meta kien għadu żgħir ħafna, u meta qaddes ried imur jagħmilha ta' Missjunarju. Meta kellu tmienja u għoxrin sena mar il-Palestina u qabad jitgħallem il-lingwa Għarbija. Meta tgħallimha mhux ħażîn, beda jgħallem it-Tagħlim Nisrani lit-tfal żgħar, u hekk aktar tħarreġ fiha. Kien kappillan f'Ramleh, f'Ġaffa, u f'Damasku u dam kappillan b'kollox disa' u għoxrin sena. Kien minn tagħna, ċajtier u dħuli, u daqs kemm kien ħanîn ma' dawk li jitolbuh l-għajnuna, il-Għarab kienu qalgħuhielu *Abuna Sabar*, jiġifieri "Patri Paċenzja."

*IL-ĦABIB TAL-GĦARAB*

Patri Karm Volta kien il-kappillan tal-Parroċċa ta' Damasku. Dana twieled fis-sena 1803 f'pajjiż jismu Real de Candia, fi Spanja, f'żogħżitu kien mgħallem tajjeb l-iskola u mħejji għal kull xorta ta' ħajja. Imma meta kellu tnejn u għoxrin sena, ħalla kollox u daħal Franġiskan, u fis-sena 1831 telaq lejn l-Art Imqaddsa u sar kappillan tar-raħal żgħir ta' Għajn Karem, u wara għadda għal Parroċċa aktar kbira ta' Damasku. Bis-saħħa tiegħu l-Insara ta' hemm



*Id-Dejr u l-knisja tal-Franġiskani f'Damasku. Jidher il-kanpnar li minn fuqu d-Druż xeħtu ż-żewġ ajkijiet Franġiskani.*

żdiedu, u x-xogħol żdied ukoll; bix-xogħol saħtu naqset, għalhekk kellu jitlob li jibgħatulu lil xi ħadd jgħinu, għad li kien għad kellu biss sebgħa u ħamsin sena. Kien maħbub u miġjub minn kulħadd, saħansitra mill-Misilmîn. Waqt li l-qattiela ġew għalih, kien qiegħed jgħallem l-iskola. Wieħed Mislem Durżi, malli rah tah daqqa u tefgħu fl-art. Żewġ Misilmîn oħra ħbieb tiegħu, refgħuh u bdew iżiegħlu bih u jħajjruh jaqleb Mislem. Imma hu berraq għajnejh u b'kemm kellu nifs għajjat: "Qatt!" Għalhekk il-qattiela temmewlu ħajtu bid-daqqiet ta' mterqa.

*ABUNA MALAK*

Patri Engelbert Holland huwa l-waħdâni li ma kienx Spanjol fost ir-Rhieb Martri ta' Damasku. Kien twieled fis-sena 1827 f'Ramsau, l-Awstrija, iben ta' nies mogħtija għal knisja. Kien ta' moħħ tajjeb wisq fuq ruħu u ħafif biex jifhem. Darba waħda l-Isqof mar iżur ir-raħal u kif għaraf x'tifel kien, daħħlu jitgħallem fis-seminarju, bla ma jħallas ħabba, bittama li jlaħħqu qassis. Imma dana ma felaħx għal egħluq tas-seminarju, u hekk wara erba' snin raġa' mar għand niesu. Darba ra għaddejjin mit-triq żewġ Franġiskani u ssaħħar għalihom, u l-għada ħalla kollox u mar daħal magħhom.

Malli qaddes, talab li jibgħatuh għal Missjoni, u għal dan beda jitgħallem il-Għarbi, u malli qabad mhux ħażin, bagħtuh jgħin lil kappillan ta' Damasku, Patri Karm Volta. F'dan ix-xogħol dam għal ftit snin, imma l-imġieba ħelwa tiegħu ġiegħelet lin-nies ta' dik il-belt ilaqqmuh Abuna Malâk, jiġifieri Patri Anġlu.

Lil dan ukoll il-qattiela qabduh u qalulu li jekk ried jibqa' ħaj kellu bla nuqqas jaqleb Mislem, inkella joqtluh. Patri Malâk weġibhom: "X'għamiltilkom jien biex toqtluni?" "Xejn ma għamiltilna," weġbuh, "imma noqtluk għax int Nisrani." "Hawn jien, mela!" raġa' huwa. "Għax jien Nisrani, immut bil-ferħ!" U mal-kelma neħħewlu ħajtu.

*PATRI PIETRU SOLER*

Twieled f'belt jisimha Lorca, fi Spanja, fis-sena 1827 u sar Franġiskan meta kellu disgħa u għoxrin sena. Minn dejjem kellu xewqa li jidħol raheb, imma għal ħaġa jew oħra dana ma seħħlux, qabel daż-żmien. Sa minn qabel ma sar raheb, kellu mħabba kbira lejn il-faqar, u għalhekk meta kien jaħdem, kemm il-darba riedu jżiduh fil-paga u huwa ma riedx. Kien iħobb il-ġabra u s-skiet u t-talb u drabi kien jgħaddi ljieli sħâħ fit-talb 'l Alla. Kien twajjeb hekk, li ftit snin wara li daħal râħeb kien magħdud b'li jistħoqqlu li jieħu l-quddiesa. U malli ħadha, talab u qala' li jmur l-Art Imqaddsa fejn kien qiegħed jistennieh il-Martirju.

Dan ukoll meta ġew fuqu l-qattiela kien qiegħed jgħallem l-iskola. Għall-ewwel dawna rieduh jgħidilhom fejn ir-rhieb kellhom moħbija l-flus, li l-Misilmîn kienu jaħsbu li għandhom. Meta ma setgħu jieħdu xejn minnu, għax ma kienx hemm x'jieħdu, qalulu: "Bil-ħaqq, inti Nisrâni! Isa, aqleb Mislem, għax jekk ma taqlebx noqtluk!"

"Jien nisrani, u Nisrani rrid nibqa' sal-mewt!" weġibhom, u hekk kien, għax dak il-ħin qatluh.

*PATRI NIKOLA ALBERCA*

Dan huwa l-aktar wieħed żagħżugħ fost il-Martri rhieb ta' Damasku. Twieled fis-sena 1830 u meta kellu ħamsa u għoxrin sena, daħal Fran-

ġiskan. Kulħadd kien jafu bħala râheb safi, dħuli u twajjeb, mogħti għal karità. Waqt li d-Dejr u l-knisja kienu jinħarqu, wieħed qattiel intebaħ bih, kif kien moħbi jitlob 'l Alla, fit-tarf tal-kurridur. Dan għajjat lil sħabu u l-qattiela kollha ġrew għal fuqu u qalulu: "Ara x'sa tagħmel. Jew taqleb Mislem, jew il-mewt!" Weġibhom: "Elf darba l-mewt, imma qatt ma niċħad lil Kristu!" U Mal-kelma naxruh mejjet fl-art.

*FRA FRANCESCO PINAZO*

Dan ir-raheb twieled f'Alpuente, fi Spanja, iben ta' familja mill-aktar foqra tar-raħal. Għadda tfulitu u

Meta fi Spanja tkeċċew ir-rhieb, kellu jarġa' jitlaq għad-dinja, imma sab xortih billi daħal sagristân fi knisja. Fis-sena 1843, qala' li jsiefer lejn l-Art Imqaddsa fejn għadda snin fix-xogħol u l-għemejjel tal-ħniena. Meta kellu sittin sena u ma baqax jiflaħ, talab il-għajnuna u tawh ajk ieħor jgħinu, li kien fra Ġan-Ġakbu Fernandez. Iż-żewġ Franġiskani dejjem għenu lil xulxin u l-aktar waqt is-siegħa tal-Martirju. Telgħu jistaħbew ġewwa l-kanpnâr fejn sabuhom id-Druż. In-nies rawhom, minn fuq il-bjut, jixteħtu għar-rkubtejhom jitolbu maħfra għal dawk li kienu sa joqtluhom. Il-qattiela kissrulhom is-sinsla ta'



*Il-knisja tal-Franġiskani f'Damasku, minn ġewwa. Jidher l-artal li fuqu d-Druż qatgħu ras Patri Manwel Ruiz.*

żogħżitu jirgħa n-nagħaġ; safa ltim meta kellu tnaxer sena u mar joqgħod mal-parrinu tiegħu li kien raġel tajjeb għall-aħħar. Kiber u ried jiżżewweġ, u kien għarus; imma f'daqqa ntebaħ li kien hemm imħabba oħra, wisq aqwa mill-imħabba tad-dinja, li kienet l-imħabba t'Alla. Għalhekk daħal Franġiskan.

Meta kien raheb fi Spanja, għex aktar minn tlettaxer sena fix-xogħol u fit-tewba ta' xi ħaġa li kien għamel qabel daħal râheb, li hu kien jgħid li kienet l-akbar dnub tiegħu.

daharhom bil-mazza u xeħtuhom minn fuq il-kampnâr għal isfel.

*PATRI NICANOR ASCANIO*

Fix-xahar ta' Jannar tas-sena 1859, ġifen Spanjol xeħet l-ankri fil-port ta' Ġaffa. Fost in-nies li niżlu l-art minn ġewwa dgħajsa (għax dak iż-żmien u sa ftit snin ilu l-iġfien kienu jżommu 'l barra, għax quddiem l-art kien kollu biċċiet tal-blat) kien hemm erba' Franġiskani li malli waslu qagħdu għar-rkubtejhom u biesu l-art. Dawn kienu Patri Nicanor Ascanio, Patri

Nikola Alberca, Patri Pietru Soler u Fra Ġan-Ġakbu Fernandez. Ħadd ma kien jobsor li sittaxer xahar wara kellhom f'dik l-art li niżlu fiha jxerrdu demmhom għat-twemmin ta' Ġesù Kristu. Patri Nicanor imma kien jaf, għax kienet ħabritu waħda soru qaddisa, il-Ven. Maria de los Dolores, li kellu jxerred demmu għal Kristu; imma ma kienx jaf kif u meta.

Dan kien twieled f'Villarejo de Salvares, qrib Madrid, fis-sena 1814. Libes iċ-ċoqqa Franġiskâna meta kellu sittaxer sena, imma kellu jarġa' jinżagħha malajr ħtija tal-liġijiet li saru fi Spanja li għandhom ineħħu r-rhieb kollha. Għad li kien barra mid-Dejr, sab kif jista' jagħmel biex jibqa' sejjer bit-tagħlim għal quddiesa. Il-ħerqa li kellu għal glorja t'Alla ġiegħlitu jxandar it-tagħlim ta' Kristu u jqârar, u hekk iltaqa' ma' soru li ħabbritlu li għad jiġi jum li fih huwa kellu jmut martri. Wara żmien li dam fil-pajjiż tiegħu, telaq lejn l-Art Imqaddsa, fejn, għal kemm ma kienx għadu żagħżugħ, tah biex jitgħallem il-lingwa Għarbija. Hemm kien mibgħut Damasku biex jitgħallem dil-lingwa fl-iskola ta' Patri Karm Volta, ma' Patri Nikol u Patri Pietru.

Hemm f'Damasku, kif kien fl-iskola qabdu wieħed Durżi u silet ix-xabla u xejjirhielu fuq rasu. "Jew taqleb Mislem, jew noqtlok issa!" qallu. Patri Nikanor ma fehmux kelma, imma basar x'kien qiegħed jgħidlu. Għalhekk urieh b'sebgħu s-sema u radd is-salib bil-għaġla, għax fehem li kien wasal il-jum li kienet ħabbritlu dik is-soru l-qaddisa. U d-Durżi qatagħlu grieżmu bil-ħanġar (stallett imgħawweġ).

*FRA ĠAN-ĠAKBU FERNANDEZ*

Dan il-Franġiskan twieled f'Moire, fil-Galizja, fi Spanja, fis-sena 1808. Meta kellu tnejn u għoxrin sena daħal Franġiskan, imma wara erba' snin kellu jarġa' għad-dinja ħtija tal-liġijiet li kienu saru fi Spanja li semmejnihom kemm il-darba; imma hu baqa' jgħix ta' Franġiskan, għad li mingħajr ċoqqa. Wara tlieta u għoxrin sena raġa' libes iċ-ċoqqa u telaq lejn il-Palestina. Hemm il-ħajja tiegħu bħala missjunarju damet bilkemm ħmistaxer xahar, mgħoddija dejjem fis-skiet u fil-heba, u għal dan fuq ħajtu ftit hemm ħwejjeġ magħrufa. Kif kien hemm f'Damasku inqalgħet ir-rewwixta li qegħdin ngħidu. Id-Druż sabuħ u għamlu għalih u qattgħuh bi sjufhom, imma ma mietx. Dan agonija sa fil-għodu, imbagħad wieħed Mislem intebaħ bih u temmlu ħajtu b'daqqa ta' xibrija.

Hekk, il-Martirju, kien qisu Għors fil-Familja, għal Franġiskani kollha li kien hemm fid-Dejr ta' Damasku. Demmhom kien imxerred kullimkien: fil-knisja, fil-mimxiet tad-Dejr, fil-bitħa u fl-iskola, saħansitra fuq il-kanpnâr. L-Anġlu tar-Rebħa niżel mis-Sema, u lill-kull wieħed mir-Rhieb iddielu Palma.

Fra Nikol O.F.M.

## QWIEL TA' SAN PAWL

*Ei kai te sarki epeimi, alla to pnevmati syn ymin eimi.* "Għad li bil-ġisem għajeb, bir-ruħ imma qiegħed magħkom" (Kol. II, 5). Dan il-kliem jaqbel li neħduh għalina l-Maltin, għax għad li San Pawl ilu nieqes minn magħna elf u disa' mitt sena, jidher li bir-ruħ kien dejjem magħna, iħares lil pajjiżna mill-għedewwa.

# IR-RIZQ TA' JIEM IL-GIMGHA

Il-Fellaħîn tal-Palestina, jiġifieri n-nies tar-rħula u l-bdiewa, jaħsbu li l-aktar jum riżqu tajjeb huwa jum il-Ġimgħa. Għal hekk nhar ta' Ġimgħa jitħamm'mu (jinħaslu ġisimhom kollu), imorru jżuru lil qrabathom, imorru jixtru mill-Imdina (l-Imdina jiġifieri Ġerusalem, kif isibuha n-nies tar-rħula tal-qrib), imorru jduru xi dawra u hekk. It-tiġijiet għandhom isiru nhar ta' Ġimgħa wara nofs inhar, u l-ħtîn (it-taqsîs tal-ġilda tas-subjien żgħar) għandu isir nhar ta' Ġimgħa fil-għodu.

Is-Sibt riżqu ħażin. Nhar ta' Sibt m'għandekx tinħasel, l-aktar bis-sapun. Tagħmel sewwa ħafna jekk anqas biss tħalli sapun ġewwa d-dar, li ma jinħaselx xi ħadd minn tiegħek u jiġrilu xi ħaġa. Ara tqassas difrejk nhar ta' Sibt, għax xi ħsara jiġrilek! Jekk imutlek xi ħadd nhar ta' Sibt, istenna li ftit wara jmutlek xi ħadd ieħor. Nhar ta' Sibt fil-għaxija għandek tmur iżżur il-mejtin, għax dik inhar ftit qabel inżul ix-xemx il-mejtin ioħbub jaraw lil qrabathom.

Il-Ħadd hu jum bla riżq. La għandu riżq tajjeb anqas ħażîn. Fih tista' tagħmel li trid, u ma għandekx tistenna u la ġid anqas deni.

Nhar ta' Tnejn hu nhar riżqu tajjeb, għax nhar ta' Tnejn twieled Muħammed, in-Nebi tal-Misilmin. L-aktar nies tajba fost il-Għarab nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis isumu, għax f'dawn il-jiem is-sawm jiswa għal ġid tar-ruħ aktar milli f'jiem oħra.

Nhar ta' Tlieta riżqu ħażin. Tixtri qatt xejn nhar ta' Tlieta, għax dak li tixtri ma tithenniex bih, għax issib min jgħir għalik u jixtieq jeħodhulek, u jekk ma jseħħlux jeħodhulek tal-anqas, jgħajjinhulek.

Nhar t'Erbgħa hu nhar riżqu ħażin wisq għal morda. Qatt ma għandek iżżur marid nhar ta' Erbgħa, anqas issaqsi kif inhu, għax tkattarlu l-marda li jkollu. Ara li ma tagħdabx għal xi ħadd minn uliedek u tidgħilu xi dagħwa nhar t'Erbgħa, għax dik id-dagħwa tasallu.

Il-Ħamis huwa nhar riżqu tajjeb ukoll, bħal nhar ta' Tnejn xorta waħda. Hemm min jgħid li nhar ta' Ħamis tajjeb ħafna biex tagħmel il-għors tat-tieġ fih. Is-sawm u l-għajnuna lil imsejknin huma milqugħa minn Allâh aktar nhar ta' Ħamis milli f'jiem oħra.

*Abu-Nawwâs*

---

*Ei apethanete syn Khristo apo ton stikheion tou kosmou, ti os zontes en to kosmo dogmasizesthe?* "Jekk intom mejtin ma' Kristu għal ħajriet tad-dinja, għax tqisu bħalli kieku għadkom ħajjin fid-dinja?" (Kol. II, 20). La darba n-Nisrani għandu jqis ruħu mejjet għad-dinja, jiġifieri jagħti hemma jew importanza biss lid-dinja l-oħra, mill-ġid ta' din id-dinja ma għandux irid aktar milli dak li jkun ta' l-akbar ħtieġa.

* * *

*Blepete tous kynas. Blepete tous kakous ergatas!* "Ħarsu ruħkom mill-klieb. Ħarsu ruħkom minn dawk li jagħmlu d-deni!" (Filippin, III, 2). Dawk li jgħamlu l-ħsara lill-għajrhom, San Pawl ixebbaħhom mal-klieb, għax il-klieb huma għajjurin għal xulxin, u minn hu qawwi l-iżjed jgħakkes li min hu dgħajjef.

# ITTRA APOSTOLIKA TAL-PAPA GWANNI XXIII LILL-GENERAL TAL-ORDNI FRANGISKAN

**(F'egħluq l-erba' mitt sena minn meta r-Rhieb tal-Art Imqaddsa marru jgħammru għal kollox fid-Dejr ta' San Salvatur, f'Ġerusalem).**

Lill-Maħbub Ibni Agostinu Sepinski
Ġeneral tal-Ordni tar-Rhieb Minuri,
Saħħa u Barka Apostolka.

Il-Knisja Kattolka, b'ħeġġa barranija u b'qima l-aktar kbira, f'kull żmien kellha għal qalbha l-Imkejjen Imqaddsa, fejn twieldet ir-Reliġjon Nisranija. U l-Insara, b'ġibda ta' mħabba, dejjem qiesu dawk it-Tifkiriet tat-Twelid, tal-Ħajja u l-Mewt tal-Feddej tagħna bħala *egħliem tar-Rebħa ta' Sidna* (S. Ġrolmu, Ittra 46). Għal hekk m'hux ta' min jinsa dak li hu ta' tifħir għal uliedek, ja Maħbub Ibni, li wara li ndaħlu għal ksib ta' dawk l-Imkejjen, tħabtu bilwisq u ġarrbu minn kollox biex jibqa' sħiħ u le ma jiġġarraf, dak li huwa tassew l-akbar Patrimonju tal-Insara kollha.

F'dan it-tisbiħ, imniżżel b'kitba tad-deheb fl-istorja tal-Knisja tfakkarkom bla dubju, ma' tul dis-sena, ġrajja oħra mill-aqwa jiġifieri: *egħluq l-erba' mitt sena minn meta r-Rhieb Franġiskani waqqfu fis-sedqa l-qagħda tagħhom ewlenija fid-Dejr ta' San Salvatur fil-belt ta' Ġerusalem.* Ma jistax jonqos li dan ma kienx ta' faraġ kbir għar-Rhieb Franġiskani, wara li tmien snin qabel, b'sogħba kbira ta' qalbhom, kienu mkeċċijin mill-qagħda tagħhom fl-Imqaddes Ċenaklu; u kien ħlas mistħoqq ta' bilħaqq lis-sħiħa rieda tagħhom, li biha u la l-ebusija tax-xogħol, anqas it-tiġrib tal-ħajja ma qatgħulhom qalbhom li ma jwettqux u jtemmu sewwa dmirijiethom. Trid tiġbed fit-tul biex issemmi l-ġid kollu li sar minn dik inhar sal-lum, jiġifieri mit-twaqqif tal-Qagħda l-ġdida tal-Franġiskani, ġid li sar m'hux biss fil-Palestina, imma wkoll f'artijiet oħra tax-Xerq il-Qarib. Irridu ngħidu dawk l-egħmejjel t'Apostolat u ta' karità u wisq ħidmiet oħra, li f'dawk l-inħawi kienu maħluqa mill-Franġiskani, u li bihom il-lum aktar infirex il-wisa' li fih il-Knisja tista' twettaq ix-xogħol fejjiedi tal-qadi tagħha.

Għal hekk, minn għalina, ja Maħbub Ibni, jaqbel li dawn il-ġrajja jkunu mfakkra minnkom kif jistħoqqilhom, sewwa bħala tiżżija ta' ħajr lill-Mulej li jista' kollox, kemm ukoll biex ir-Rhieb tal-lum jitħeġġu dejjem aktar biex jimxu fit-triq ta' dawk ta' qabilhom. Imqanqlin mill-ġrajjiet tal-Franġiskani ta' qabilhom, li għal dan ix-xogħol xerrdu demmhom u ħlew ħajjithom, sħabek jifhmu aktar kemm hija kbira din is-sejħa tagħhom, u kemm ġid tista' tittama minn għandhom il-Knisja Nisranija.

U hemm ħaġa wkoll li f'dan il-waqt fuq kollox jeħtieġ li niċċaraw sewwa. La darba qegħdin insemmu il-ħidma kbira tal-Ordni Tiegħek jixraq li nfakkru wkoll kemm nafuhielhom it-tjieba tal-Insara tad-dinja kollha, li bi ħrara kbira dejjem għenu, u għadhom jgħinu ż-żamma tal-Imkejjen Imqaddsa. Bil-qalb kollha Aħna nixtiequ, ja Maħbub Ibni, li dawn il-għemejjel ta' għajnuna, m'hux le jonqsu, imma joktru u jkunu mħeġġa biex aktar jitkattru. Għal daqs hekk

fil-waqt li ntennu l-istedina ta' thajjir li għamlu wisq drabi fuq dil-ħaġa l-Papiet ta' qabilna, ninqdew b'dan il-waqt biex inwettqu l-omra li amru l-Papiet Ljuni XIII u Beneditt XV li bihom irridu li *f'kull Parroċċa ta' kull Djoċesi, tal-anqas darba fis-sena, jiġifieri nhar il-Ġimgħa l-Kbira jew f'jum ieħor magħżul mill-Isqof tad-Djoċesi, ikunu mfissra lill-Insara, u tkun mitluba l-karità tagħhom għal ħteġijiet tal-Imkejjen Imqaddsa* (Acta Apost. Sedis, X, 1918, p. 437-439).

U fuq dan imbagħad irridu aktar inħeġġu, billi l-lum, ħtija taż-żmenijiet imwegħra, bħal ma kull ħadd jaf, il-għajnuniet ta' karità huma meħtieġa aktar milli kienu fiż-żmenijiet imgħoddija. Alla ħares li dawk l-opri u l-Istituzjonijiet li kienu mwaqqfa biex iżommu ħaj l-ispirtu Kattolku f'dawk l-artijiet, li fiż-żmenijiet mgħoddija swew wisq għal ġid tal-Knisja Kattolka, kellhom, ħtija tan-nuqqas tal-karità tal-Ġnus Insara, jitnaqqsu jew jiġu fix-xejn!

Fuq kollox, Aħna, bil-ħeġġa kollha nitolbu lil Mulej biex jgħinkom u jħariskom; u jagħmel li bil-ħidma tagħkom, il-kawża tal-Imkejjen Imqaddsa tmur dejjem għall-aħjar. Għal daqs hekk bil-qalb kollha nixtiequ li bħala xhieda tal-qima ta' qalbna, tingħata lil dak il-pajjiż, li fih l-Iben t'Alla sar bniedem, u minn fejn ħareġ ix-xandir tal-Evanġelju, u lilek, ja Maħbub Ibni, u lill-Ulied tal-Familja Franġiskana tiegħek, fl-Isem tal-Mulej, il-Barka Apostolka Tagħna.

Mogħtija f'San Pietru, Ruma, fil-XVII tax-xahar t'April, nhar il-Qawma ta' sidna Ġesù Kristu minn bejn l-Imwiet, fit-Tieni sena tal-Papat Tagħna.

ĠWANNI XXIII, Papa.

# GAHAN U L-HBIEB

Darba ltaqgħu xi erba t'irġiel, ħbieb ta' Ġaħan u ftehmu li jmorru jagħmlulu żjara, kienu hekk, xi s-sagħtejn ta' wara nofs inhar. Malli rahom Ġaħan saqsihom: "Intom kiltu, jew ma kiltux?"

"Tħabbelx rasek għalina, "weġbuh dawk, "aħna kilna." Qalilhom Ġaħan: "Dnub jaħasra, li kiltu! Kieku ma kiltux, kont nitmagħkom ikel li qatt ma kiltu bħalu fil-ħajja tagħkom!"

Għadda xi xahar u dawk il-ħbieb infushom reġgħu marru jagħmlu żjara lil Ġaħan. Kif rahom Ġaħan raġa' saqsihom: "Intom kiltu, jew ma kiltux?" Dawk ftakru x'kien qalilhom l-aħħar darba għal hekk weġbuh: "Le, il-lum ma kilniex!"

Weġibhom Ġaħan: "Dnub, jaħasra li ma kiltux! Kieku killtu, kont nisqikom belgħa nbid li qatt ma xrobtu bħala fil-ħajja tagħkom!"

# MINN GERIKU GHAL BAHAR IL-MEJJET

Ġeriku — il-belt ħienja, li għal sebat ijiem laqgħet fi ħdanha l-Arka tal-Liġi l-Qadima, u f'ħin wieħed imsejkna, għax kemm il-darba l-ġlied u l-gwerer ġarrfuha — daħlitli hekk f'qalbi, li ma nistax ninsieha! Ħassejtni nitnikket meta ħtieġli nitbiegħed minnha. Imma ħallejtha lil Ġeriku l-għażiża, u ġbidt bil-qajla għannaħa ta' Wadi l-Qelt sa ma wasalt fir-raħal ta' Gàlgala, xi żewġ mili bgħid minn Ġeriku. Gàlgala tista' tgħid kienet l-ewwel maqdes tal-Art Imqaddsa, għax hemmhekk l-Arka tal-Għaqda l-Qadima damet għal sitt snin sħâħ. Hemmhekk ukoll, il-Ġens Lhudi għamel l-ewwel Għid il-Kbir tiegħu, wara li daħal fl-Art Imwegħda.



*Id-Dejr ta' San Ġwann il-Għammiedi, tal-Griegi Ortodossi msemmi f'dil-kitba, li jinsab ħdejn il-Ġurdan.*

Ħallejt lil Gàlgala u bqajt miexi mat-trejqa li wasslitni sa Dejr Mar Juhanna, jiġifieri l-Kunvent ta' San Ġwann il-Għammiedi. Dan il-Kunvent kien imġarraf imma fis-sena 1882 reġgħu bnewh ir-Rħieb Griegi Ortodossi bħala tifkira ta' kemm dam jgħix hemmekk San Ġwann. Min hawn kien għad baqagħli biss xi erba' mitt pass biex nilħaq ix-xmara tal-Ġurdan. La tgħidx x'ħassejt ġewwa fija meta sibt ruħi quddiem dak l-ilma mqaddes li fih Ġesù tgħammed minn san Ġwann. Imma x-xmàra hi twila ħafna, għal hekk l-ewwel ħsieb li jiġi f'moħħok ikun li tfittex l-imkien li fih tgħammed Kristu.

Irkibna d-dgħajsa tal-Għarab jien u wieħed Franġiskan li kien għadu kemm wasal mill-Ġermanja biex itemm il-wegħda li kien għamel, meta kien kappillan tas-suldati Ġermaniżi fl-ewwel gwerra dinjija. Dal-Franġiskan kien wiegħed 'l Alla li jekk jibqa' ħaj wara l-gwerra jmur l-Art Imqaddsa u jgħaddi hemm il-bqija ta' ħajtu, għal kemm kien għad baqagħlu ommu ħajja. Il-qaddief beda jaqdef u jaqdef, sa kemm fl-aħħar qalilna b'leħen ferrieħi: "Hawn jingħad minn dejjem li tgħammed Kristu!" Hemmekk f'daqqa ir-Raħeb Ġermaniż qabeż fl-ilma tax-xmara biċ-ċoqqa b'kollox, u la tgħidx x'qatgħa tagħni! Meta saqsejtu għaliex għamel dan, weġibni bid-daħka, għax hekk kienu jagħmlu l-ewwel Insara.

Ftit wara tlajt mid-dgħajsa għal fuq ix-xtajta fejn darba nfetaħ is-sema, u r-Ruħ t'Alla niżlet b'għamla ta' ħamiema fuq il-Messija, waqt li kien tiela' mill-ilma, u leħen il-Missier stama' jgħid mis-sema: Dan hu Ibni l-Maħbub, li bih nitgħaxxaq!"

Hemmekk ix-xtut tax-xmâra mgħottijin bis-siġar, għoljin u dejjem ħadrâna, sajf u xitwa, li l-Pellegrini li jmorru hemm jistkennew taħthom mis-sirġa tax-xemx qawwija. F'dik ix-xtajta fejn jitbewsu l-art u x-xmâra is-siġar u x-xtieli millisbaħ jikbru ġewwa xulxin, donnu biex ifakkru minn ġens għall-ieħor

l-imħabba Divina tal-Missier u l-Iben.

Hemmekk ukoll ħdejn dawn is-siġar sbieħ hemm artal taħt baldakkin tal-ħaġar, mibni mill-Franġiskani għaż-żawwarin li jridu jisimgħu l-quddies u jitqarbnu fuq ix-xtajta. U ftit 'il ġewwa hemm ukoll kappella żgħira u Ospizju, ukoll tal-Franġiskani, mibnijin ftit ilu, għal min ikun irid iqatta' hemmekk xi jumejn jew tlieta.



*It-Tużell bl-artal taħtu qrib xatt ix-xmara tal-Ġurdan u għadd ta' żawwarîn jisimgħu l-quddies.*

Xtaqt kieku jiena ngħaddi ftit jiem (m'hux siegħat biss) ħdejn dak l-Ilma Mqaddes, imma fid-dinja ma tistagħx tithenna għal żmien twil b'dak li jkun għażiż għalik. Għal hekk wara li bist ix-xtajta mbierka u raddejt is-salib b'subgħajja miblula fl-ilma tal-Magħmudija ta' Ġesù, qbadt it-trejqa sa kemm wasalt sal-Baħar il-Mejjet.

Il-Baħar il-Mejjet! Dan il-Baħar jissejjaħ *mejjet* għax ebda ħlejqa ma tista' tgħix fih imħabba l-imrar tiegħu. Ara kemm hu hekk, li l-ħut li jidħol fih mal-ilma tax-xmâra, imut minnu fih. Saħansitra t-tajr iżomm ruħu bgħid minn dak il-baħar, għax dawk l-inħawi ma jsibx ilma ħelu x'jixrob. Il-Għarab isejħulu *Baħar Lût* (il-baħar ta' Lot), isem li jfakkar fil-qreda tal-biża' ta' Sodma u Gho-morra. Ingħid għalija bqajt mistagħġeb bis-safa tal-ilma ta' dan il-baħar, ċar kristall, u dejjem sħun, għal kemm fix-xitwa. Jien għomt fih, u kif intlaqt ġewwa l-ilma ħassejtni merrugħ il-fuq, fil-wiċċ, bħal biċċa sufra. Imma ma stajtx inżomm għajnejja miftuħin fil-baħar, għax bdew jaħarquni wisq b'dak l-ilma mielaħ. U kif ħriġt mill-ilma ħassejt ġildi jaħaraqni u sâr aħmar nâr, bid-demm li donnu ried joħroġ minnu. Ġismi kollu nkesa bil-melħ irqiq ileqq, donnu għabra tal-ħġieġ fina. Xtaqt kieku ninsafa bl-ilma ħelu, imma ma kien hemm imkien dik in-naħa.

Ilbist u tlaqt mat-trejqa, fix-xtajta tal-Għarb ta' dak il-baħar. L-ewwel ma lħaqt kien Wadi n-Nâr, li minnu fix-xitwa jgħaddi l-ilma tal-wied ta' Cedron, u jitferragħ fil-baħar Mejjet. Bqajt sejjer u rajt Għajn Ġidi, qrib il-belt qadima ta' Engaddi, imsem-



*Il-Baħar il-Mejjet. La ħût u la bebbûx ma jinsab ġewwa fih, anqas siġar jew ħaxix ma' dwaru...*

mija wisq żmien il-qedem għat-tjieba tal-inbit tagħha. Aktar 'l hemm rajt il-fdalijiet tal-fortizza ta' Masda, mibnija mill-Qassis il-Kbir Jonata, u li ġewwa fiha fi żmien Titu, l-aħħar qawwa tal-Lhud sfgħet mitmuma. Bqajt miexi sa ma wasalt fil-wied ta' Siddim fejn darba kienu jinsabu

l-bliet ta' Sodoma, Ghomorra, Adama u Seboin, li ħtija tad-dnubiet fahxîn tagħhom sfaw meqruda minn xita ta' nar mis-sema, u miblugħin fil-għomoq tal-baħar. It-tifkira ta' dawn il-bliet għadha tbażża' u twewer lil kull min jgħaddi minn dik in-naħa.

U kemm ħwejjeġ oħra, sbieħ u tal-qedem, kelli x-xorti li nara b'għajnejja! U kemm nies jixtiequ jarawhom, imma ma jistgħu jaqtgħu xewqithom! Għal hekk, hieni u ferħan, tlaqt mill-ġdid lejn Ġeriku u minn hemm, bil-karozza, lejn Ġerusalem, li fuqha nikteb darba oħra.

DUN ANTON TABONE

# L-ARPA TA' DAVID

Meta David kien ħaj, qabel jorqod, kien idendel l-arpa ħdejn rasu. F'nofs il-lejl sewwa kienet tiġi r-Ruħ missema, tonfoħ ħafif-ħafif fuq awtâr jew kordi tal-arpa, u jibdew idoqqu ħelu-ħelu. B'dak id-daqq David kien jistenbaħ, iqum, jaqbad f'idejh l-arpa u jibda jdoqqha u jgħanni għana ta' tifħir 'l Alla. Imbagħad jerġa' jorqod. Fil-għodu David kien iqum, ħafif bħal għażżiela, u qalbieni bħal qasad, biex jaħdem għal ġid tan-nies tiegħu.

Wara żmien David miet, u issa jinsab mimdud rieqed ġewwa għar imħaffer taħt l-art fil-qalba ta' Ġebel Sijon. Ħdejn rasu għandu imdendla l-arpa. Meta jerġa jiġi fid-dinja Elija, David jerġa jqum, imma sa dak inhar jibqa' rieqed, sena wara sena.

Darba kien hemm żewġt aħwa tewmin Lhud, tfal safja għall-aħħar, u riedu jqajjmu lil David. Ftiehmu u ġew mill-bgħid ħafna; qasmu art u baħar u waslu Palestina. Telgħu Ġerusalem, marru Sijon, sabu l-għar ta' David u ttawlu fih. Daħlu, u kif daħlu laqagħhom il-Profeta Elija, xiħ, b'xagħar abjad kbir u leħja twila bajda. Qalilhom: "Hawn x'ġejtu tagħmlu?" Weġbuh: "Ġejna nqajmu lis-sultan tagħna David, ħalli jieħu ħsiebna u jmexxina!"

Qalilhom: "Ibqgħu deħlin 'il ġewwa, u fejn taraw kamra bil-bieb mgħotti bi star tal-bellus aħmar, idħlu fiha. Hemm issibu lil David rieqed u ieqfu wieħed kull naħa ma' ġenbu. Hemm buqar bl-ilma u żingla u ħarqa. Wieħed minnkom iżomm f'idu l-buqar u l-ħarqa, u l-ieħor iżomm iiż-żingla. Wara ftit tal-ħin, David jarfa' jdejh, u kif jerfagħhom tal-buqar isawwablu l-ilma fuqhom, u taż-żingla jilqa' l-ilma tagħthom. Kif David jaħsel idejh, tuħ il-ħarqa biex jimsaħhom fiha. Imbagħad newwlulu l-arpa."

Hakk għamlu ż-żewġt aħwa u daħlu 'l ġewwa. Sabu l-kamra u lil David rieqed fiha fuq sodda tad-deheb. Mal-ħitan tal-kamra kien hemm imdendla l-għodda ta' David: sjuf u ħriebi, tarkat u sniesel, u x-xedd tażżiemel tiegħu, ileqq bid-deheb u jlellex bid-djamanti.

Iż-żgħażagħ qagħdu mitlufin iħarsu lejn dawk il-ġmelijiet kollha, u nsew għal fejn kienu daħlu. David fil-ħin tiegħu, rafa' jdejh, imma huma ma ntebħux. Raġa' niżżilhom u raqad, u ż-żgħażagħ tilfu newbithom!

Għal hekk David, għad li ħaj għal dejjem, għadu rieqed. U jdum rieqed sa kemm żewġ żgħażagħ Lhud oħra, bla dnub u bla tebgħa, jerġgħu jsibu l-qabar tiegħu u jidħlu fih u jaħslulu jdejh malli jerfagħhom, darba kull elf sena.

NATAN BEN ŻOHAR

# KIEN S. PAWL RAGEL F'SAHHTU?

Dil-mistoqsija tidher ftit u xejn għariba. Imma xejn mhu għarib li għandu x'jaqsam ma' S. Pawl. Imqar l-iċken tagħrifa fuq S. Pawl għandna ngħożżuha b'imħabba kbira. Għalhekk illum nixtieq nagħti lill-qarrejja xi tagħrif fuq is-saħħa ta' S. Pawl, mhux bħala kurżità, imma bilħsieb li nkunu nafu kull ma nistgħu nkunu nafu fuq S. Pawl.

L-ewwel ħsieb li jiġina hu li S. Pawl kien raġel f'saħħtu sewwa. Liema bniedem seta' jterraq daqs kemm terraq S. Pawl jekk ma jkunx f'saħħtu sewwa? Eluf u eluf ta' mili mexa S. Pawl, xi drabi f'artijiet ħżiena għallmixi u ħżiena għas-saħħa tal-ġisem, fis-sajf u fix-xitwa, fuq għoljiet u minn widien, nieqes mill-ikel u minn toqba fejn idaħħal rasu. U barra millmixi kemm tbatijiet oħra li hu jsemmi fl-Ittri tiegħu. Liema bniedem jiflaħ ibati dawk it-tbatijiet kollha jekk ma jkunx f'saħħtu sewwa? Iżda S. Pawl stess itarrfilna xi kelma li ma kienx f'saħħtu ħafna. Lill-Korintin jiktbilhom li hu għallimhom 'b'nuqqas ta' qawwa' (I Kor. 2, 3) li xi wħud jifhmu b'nuqqas ta' ħila, b'mistħija, imma ħafna oħrajn jaħsbu li S. Pawl kien marid u li kien igħallimhom, għalkemm ma kienx jiflaħ. U biex kien marid S. Pawl? Ma nafux. Ħafna għorrief jaħsbu li S. Pawl marad bil-malarja u kull tant kien jagħtih attakk bid-deni. Aktarx li kienet dil-marda li hu jsemmi fl-Ittra lill-Galatin (4, 13): "Tafu li minnħabba marda xandartilkom l-ewwel darba l-evanġelju, u, għalkemm saħħti dgħajfa, intom ma maqdartunix". S. Pawl qabditu l-malarja fit-triq; kellu jieqaf f'art il-Galatin u, għalkemm ma jiflaħx, xandrilhom l-evanġelju.

S. Pawl jerġa' jistqarr il-mard tiegħu fit-tieni Ittra lill-Korintin (12, 7) fejn igħid li kellu 'xewka f'ġismu'. X'kienet dix-xewka? L-għorrief ta' żmien ilu u xi ftit tal-lum ukoll jaħsbu li dix-xewka kienet dik il-ġibda ħażina li kull wieħed minna jħoss fih innifsu. Jiġifieri S. Pawl, bħall-bnedmin kollha, kien iħoss fih dik il-ġibda għall-ħażen li jħoss kull wieħed minna. Iżda dit-tifsira hi mibnija fuq ittraduzzjoni ħażina tal-Vulgata Latina *stimulus carnis* 'niggieża talġisem', fil-waqt li fil-Grieg għandna 'niggieża fil-ġisem' jew 'għall-ġisem'. Għalhekk l-Għorrief Griegi tal-Knisja, li kienu jaqraw il-Kotba Mqaddsa bil-Grieg, qatt ma fissru l-kelmiet ta' S. Pawl fis-sens ta' ġibdiet tal-ġisem. Dit-tifsira daħħluha l-Għorrief Latini li kienu jaqraw il-Vulgata Latina. Imma dit-tifsira, barra milli ma taqbelx mal-Grieg, qiegħda barra minn lokha kemm jista' jkun. Il-belt ta' Korintu kienet magħrufa għall-ħajja tagħha żienja; l-insara Korintin kienu jħossu qawwija l-ġibdiet tal-ġisem u xi drabi, bħalma nafu minn kas ikrah li jsemmi S. Pawl (I Kor 5, 1-5), kienu jaqgħu f'dawk id-dnubiet koroh taż-żina. X'kuraġġ kien jagħmlilhom S. Pawl meta igħidilhom li hu wkoll kien iħoss dawk il-ġibdiet? Terġa' ma nistgħux ngħidu li S. Pawl, qabel jew wara l-konverżjoni, kien igħix skond il-ġibdiet tal-ġisem. Nafu biss li hu skond il-Liġi kien igħix ħajja bla ħtija (Fil. 3, 6). U l-Liġi kienet tikkundannahom id-dnubiet tal-ġisem. Mela

x-xewka fil-ġisem mhix il-ġibda għad-dnub li kull wieħed iħoss fih innifsu.

X'uħud jaħsbu li x-xewka fil-ġisem kien it-taħbit ta' S. Pawl fit-tixrid tal-evanġelju. Oħrajn it-tingiż tal-kuxjenza għal li kien għamel qabel il-konverżjoni. Imma dawn il-fehmiet ma għandhom xejn xi jwettaqhom, u llum mhemm ħadd li jżommhom.

Il-kotra l-kbira tal-għorrief illum igħidu li x-xewka fil-ġisem kienet marda u marda li tweġġa' bħal niggieża u bħal daqqiet ta' ħarta; kienet marda li tgħakksu u li kienet titilqu u terġa' taqbdu u aktarx li kienet dil-marda li fixklitu u żammitu biex ma jmurx iżur it-Tessalonkin (I Tess. 2, 18). Issa jekk S. Pawl kien ibati b'xi marda, nistgħu nkunu nafu x'kienet? Le, ma nistgħux inkunu ċerti x'marda kellu S. Pawl. Tista' tgħid li kemm mard hawn, kollu waħħluh fuq S. Pawl. Min qal li S. Pawl kien ibati bl-uġigħ ta' ras; min bir-rewmattiżmu; min bix-xjatka; min bis-snien; min bil-għajnejn; min bil-ħaġra; min igħid li ma tantx kien jisma' jew ma tantx kien jara. Imma dan kollu fantasija, bżieżaq tas-sapun li jinfaqgħu weħidhom.

L-aktar żewġ mardiet li jwaħħlu f'S. Pawl huma l-mard tal-qamar jew il-mard tan-nervi u l-mard tad-deni. L-ewwel fehma kienet tant komuni fis-seklu li għadda li kemm kemm ma kienux iżommuha bħala ċerta. Imma għandha ħafna kontra tagħha. Il-mard tal-qamar mhux xewka għax ma jġibx uġigħ, mhux mard tal-mewt bħalma aktarx kienet il -marda ta' S. Pawl. Għalhekk dil-fehma ma togħġobniex. Aktar naħsbu li S. Pawl kien ibati bil-mard tad-deni, deni tal-malarja jew b'dak id-deni li dari kienu jgħidulu 'deni ta' Malta' u li kien u għadu komuni ħafna fl-artijiet tax-xtajtiet tal-Mediterran. Marda li ġġib magħha wġigħ ta' ras u wġigħ ieħor, tħewdin bil-lejl u tista' ġġib ukoll mard ieħor li jwassal sal-mewt. Dil-marda kienet timxi ħafna fl-Anatolja, minn fejn għadda S. Pawl aktar minn darba. Mhi xejn ħaġa kbira li S. Pawl rikeb dil-marda hu u għaddej minn hemm.

Għalhekk ingħidu li għalkemm S. Pawl kien raġel f'saħħtu, marad bil-malarja hu u jaqsam l-Anatolja jew l-Asja ż-Żgħira, u kienu kull tant jagħtuh l-attakki u damu jagħtuh ħajtu kollha.

P. P. SAYDON

# FEJN NIZEL MALTA S. PAWL

Il-wasla ta' San Pawl fi xtutna, hi l-akbar ġrajja ta' gżiritna; u kien ikollna wisq biex nithennew kieku nistgħu nerġgħu nagħrfu l-imkien sewwa, fejn ġrat dil-ġrajja mbierka, bla ma ħadd imerina.

Ħaġa mil-lewn id-dinja li dak l-imkien imqaddes kien magħruf minn misserijietna; u dawn bnew kappella qribu fejn jiżżu ħajr 'l Alla għal ħniena kbira tiegħu li bagħat hawn lill-Appostlu Pawlu biex jiżra' ż-żerriegħa tal-Evanġelju f'dil-gżira, fi żmien hekk bikri — xi tletin sena biss wara t-tlugħ ta' Kristu fis-sema.

Imma fi żmien ir-Rħieb ta' San Ġwann, il-Kommendatur Abela, wieħed mill-ftit Maltin li kienu jafu l-iskola dik il-ħabta, deherlu li l-għidut l-ewlieni fuq fejn niżel San Pawl, ma kienx minnu. Għalhekk beda għidut ġdid, imsejjes fuq sisien dgħajfa (li nsemmuhom 'il quddiem) u fil-ktieb tiegħu *Descrittione di Malta*, maħruġ

fis-sena 1647 qal li l-imkien fejn San Pawl niżel l-art, u fejn waħal il-ġifen li ġie fuqu, ma kienx ħada l-knisja ż-żgħira, bħalma kienu jgħidu l-Maltin minn dejjem, imma taħt il-blat għoli ta' quddiemha, jiġifieri fi Rdum il-Bies, ħada l-Mistra.

Biex naraw li l-fehma tal-Maltin ewlenija kienet tajba u tal-Kommendatur Abela ħażina, ma hix wisq ħaġa tqila. Dak li għandna nagħmlu huwa

(a). San Luqa jgħid (*Atti*, XXVII, 28) li l-baħar fejn waqqfu l-ġifen għal ħabta ta' nofs il-lejl, kien egħmiq xi ħmistaxer qâma. Issa fil-mappa ta' San Pawl il-Baħar imxandra minn Kaptan Smith fil-ktieb tiegħu *Voyage and Shipwreck of St. Paul*, in-naħat li fihom ħmistaxer qama, qegħdin maħżuża bejn il-Gżejjer u Buġibba. Billi Kaptan Smith kien raġel tal-baħar u mħarreġ tajjeb f'xogħlu, hu-




*Mappa ta' San Pawl il-Baħar, fejn niżel Malta San Pawl. A-B: mixja tal-ġifen. C: id-Daħla ta' Buġibba, fejn riedu jaħarbu l-baħrin. D: id-daħla żgħira bil-blat ċatt mal-baħar, fejn il-kaptan ried idaħħal il-ġifen. E: id-daħla Tal-Għażżenin, fejn ir-riħ tafa' l-ġifen u nkalja. In-numri juru l-fond tal-baħar.*

li nqabblu ma' xulxin dik il-biċċa mill-*Atti tal-Appostli* fejn hu mfisser kif wasal u waħal il-ġifen, u l-għamla tad-daħla li ngħidulha *San Pawl il-Baħar*. Ir-rqaqat li għandna naħdmu fuqhom, huma mogħtija minn San Luqa fl-*Atti*, il-ktieb miktub minnu (taqsima XXVII), li hu rahom b'għajnejh, għax kien ma' San Pawl.

wa ta' min jorbot fuqu; għalhekk minn hemm — bejn il-Gżejjer u Buġibba — għandna nibdew ix-xogħol tagħna.

(b). San Luqa jgħid ukoll (vers 30) li l-baħrin niżżlu d-dgħajsa tal-ġifen fil-baħar bil-ħsieb li jaħarbu lejn l-art. Dan juri li l-ġifen kien wieqaf

qrib ħafna tal-art; għax li ma kienx hekk, kif setgħu jittamaw li jaqbdu l-art bis-sliema, f'dgħajsa żgħira, f'baħar jagħli, fid-dlam ta' bil-lejl? Issa, billi l-art ma hix ħlief *kwart* ta' mil bogħod minn fejn hu maħżuż ħmistaxer qama, l-imkien fejn waqaf il-ġifen bil-lejl, għandu jkun bil-fors hemmhekk. Id-daħla ta' Buġibba, imkenna mir-riħ Grigal, li jista' jkun li l-baħrin lemħuha fid-dawl ta' xi berqa (għax fil-Grigal qisu dejjem jagħmel il-beraq) setgħet kienet il-ħtija li ġiegħlet lil baħrin li jagħmlu l-ħsieb

Minn fejn hemm ħmistaxer qama ilma (min qiegħed jikteb mar hemm darbtejn, u min qiegħed jaqra jista' jmur ukoll u jara), għafsa waħda tidher li għandha xatt wàti: il-għafsa ta' quddiem il-knisja ż-żgħira ta' San Pawl, fejn issa hemm ħajt mibni filbaħar biex jistkennu warajh id-dgħajjes tas-sajd. Dan jaqbel sew ma dak li kiteb San Luqa, u hu msaħħaħ minn dak li ġej.

(d). San Luqa kiteb mill-ġdid (filvers imsemmi qabel) li l-baħrin riedu li jsuqu l-ġifen lejn dik l-għafsa u



*San Pawl il-Baħar. Id-daħla Tal-Għażżenin; jidher il-blât ftit għoli, fejn il-kaptan ried jittrakka l-ġifen, imma ma seħħlux, għax inkalja ftit 'il barra bejn żewġ blatiet taflija.*

li jaħarbu, billi d-dgħajsa kienet blimqâdef, u setgħu jsuquha lejn dik in-naħa.

(c). Fil-għodu bikri, kiteb San Luqa (vers 29), in-nies ta' fuq il-ġifen, lemħu daħla żgħira b'xatt wàti mal-baħar. Kif turi l-kelma Griega miktuba minn San Luqa, *kolpos* (mhux *limen*), jiġifieri *ħoġor*, dak li raw minn fuq il-ġifen, ma kienx ilmarsa ta' San Pawl il-Baħar kollha, kif kien hemm min ħaseb, imma għafsa żgħira fil-blat ġewwa l-marsa nfisha.

jdaħħluh fiha *kieku setgħu*. Il-kliem *kieku setgħu* juri wkoll li l-għafsa li raw ma kenitx għal wiċċ ir-riħ, bħal ma tassew ma hix għal wiċċ il-Grigal il-għafsa ta' quddiem il-knisja ż-żgħira ta' San Pawl il-Baħar. Kieku l-għafsa kienet għal wiċċ ir-riħ, il-ġifen kien jidħol fiha waħdu, u l-baħrin ma kien ikollhom għal fejn jibżgħu li r-riħ ikarkarhom 'il barra.

(e). Kif wasal il-waqt, il-baħrin niżżlu s-sikkejn (jiġifieri ż-żewġ tmunijiet li kellu l-ġifen, waħda kull naħa tal-poppa) u tellgħu l-qala' ż-żgħir

tal-pruwa (vers 40). Dan ukoll juri li l-għafsa jew daħla li riedu jidħlu fiha ma kenitx għal wiċċ ir-riħ Grigâl, għax li kienet, il-ġifen kif iħolluh kien imur waħdu għal ġewwa fiha, bla ma jeħtiġilhom iħaddmu s-sikkejn tal-poppa u l-qala' ż-żgħir tal-pruwa, li kien ukoll jaqdi ta' tmun (u aktarx li l-isem tiegħu Grieg *artemon* ġej mill-Kangħani *al-temôn*, jiġifieri *t-tmûn*).

(f). Il-baħrin saqu l-ġifen lejn dik id-daħla imma ma seħħilhomx idaħħluh fiha, għax ir-riħ għalibhom u jiġifieri *baħar*, u t-tieni biċċa, *ejn*, hija l-egħliema ta' *tnejn*, bil-Kangħani (bħal xagħr*ejn*, xibr*ejn*, ġimgħat*ejn*, sent*ejn*). Mill-isem ta' dak iż-żmien *Thalassanejn* aktarx li għadu ġej l-isem li dik id-daħla għandha l-lum: *Tal-Għażżenin*, u dan juri kemm kellu għalfejn San Luqa jsejjaħ barbrin lill-għammâra ta' dik innaħa, *fejn kellha x'taqsam il-lingwa;* għax wara hu nnifsu jfaħħar l-imġiba tajba tagħhom.

(g). Kull min kien fuq il-ġifen, kiteb San Luqa (vers 44) saħansitra



*San Pawl il-Baħar. Tal-Għażżenin; jidhru ż-żewġ għerien imsemmija fil-verżjoni Għarbija tal-"Atti".*

kaxkar il-ġifen miegħu (versi 40 u 41). Il-ġifen daħal f'daħla oħra, fejn kienu jaħbtu żewġ kurrenti, u waħal hemm ġewwa.

Billi bħal ma rajna fuq, il-għafsa li riedu jidħlu fiha kienet dik ta' quddiem il-knisja ż-żgħira, l-imkien ta' żewġt ibħra, ftit aktar 'il ġewwa, ma jistax ikun ħlief Tal-Għażżenin, ftit 'l hemm mit-Torri. Donnu jidher li saħansitra minn dak iż-żmien dik id-daħla kellha l-isem Grieg-Kangħani *Thalassanejn*, li l-ewwel biċċa tiegħu hi bil-Grieg fl-akkustativ, *thalassan* dawk li ma kienux jafu jgħumu, qabdu l-art bis-sliema. Għalhekk jidher li d-daħla li fiha waħal il-ġifen kienet xi baħar dejjaq, bl-ilma baxx, qrib tal-art sewwa, bħal ma tassew hija d-daħla Tal-Għażżenin. U dak li fixkilhom jaqbdu l-art, ma kienx il-baħar għemiq, imma l-mewġ qawwi tiegħu.

*     *     *

Li kien il-Kommendatur Abela li bil-kitba tiegħu daħħal f'ras in-nies li San Pawl niżel Malta n-naħa tal-Mis-

tra, jidher malajr, għax sewwa Quintinus Haeduus fis-sen 1530 (mija u sbataxer sena qabel Abela) kif ukoll Monsinjur Duzina fis-sena 1575 (tnejn u sebgħin sena qablu) jgħidu li l-ħabta tal-ġifen ta' San Pawl, ġrât qrib fejn hemm il-knisja ż-żgħira. Abela nnifsu jistqarr li ħafna nies (u li kien râġel kien jgħid *kull ħadd*), jemmnu li l-ħabta tal-ġifen ġrat ħdejn il-knisja l-qadima

L-akbar ħtija li ġiegħlet lill-Abela jegħlet, kienu l-kelmiet fl-Atti bil-

mixi. Biex tagħmel dan, fi żmienu ma kenitx ħâġa ħafîfa. Biex mill-belt tmur San Pawl il-Baħar ma kienx hemm karrozzi ħfief u toroq wâtja, kif hawn il-lum. Biex tmur San Pawl il-Baħar waqt Grigâl qawwi, riekeb fuq żiemel, mingħajr *rain coat*, bir-riħ kiesaħ u x-xita rqiqa jagħtu fuqek, jew ġewwa xi karozza tal-ħadîd tqila (bħal dik li hemm fl-Armerija l-Palazz) miġbuda minn bgħula f'toroq ħżiena, kollha ħofor u ħtiebi, ma kenitx ħaġa ta' min jidħlilha.

Imma kieku għamel hekk, Abela, u



*San Pawl il-Baħar, Tal-Għażżenin. Dak li għadu jidher mit-"Topos Dithalassos" li semma San Luqa: triq tar-ragħwa fejn jaħbtu ż-żewġ kurrenti, waqt il-Grigâl.*

Latin, *locum dithalassum*, jiġifieri *mkien ta' żewġt ibħra*. Għax in-naħa ta' Rdum il-Bies, ħada l-Mistra, fejn Abela ħaseb li daħal il-ġifen, jista' tassew jissejjaħ imkien ta' żewġt ibħra, imma, kif jidher mix-xbiha li ġieb hu fil-ktieb tiegħu (faċċata 223), hu nnifsu jemmen li l-ħuġġieġa biex jisħnu u jinxfu San Pawl u sħabu, il-Maltin xegħluha f'Tal-Għażżenin.

Minn hekk jista' wieħed jifhem li Abela qatt ma mar San Pawl il-Baħar *waqt Grigal;* anqas qatt ma dar ma' San Pawl il-Baħar u mar il-Mistra bil-

ħâ s-sabar u mar, kien jara b'għajnejh li n-naħa tal-Mistra ebda bniedem fil-baħar ma jista' jeħles mill-għarqa, anqas jekk ikun jaf jgħum daqs ħuta, aħseb u ara min ma jafx. Min ikun fil-baħar, kien jitqatta' mal-blat aħrax ta' dik in-naħa. Anqas ma hu ta' min jemmnu li l-Maltin ta' dak iż-żmien ġiegħlu lil San Pawl u sħâbu jimxu xi siegħa mixi, ħafjin u mxarrba, fix-xita u fuq art ħarxa, u jqabbdulhom il-ħuġġieġa fuq ix-xatt tan-naħa l-oħra. Kienu jixgħelulhom il-ħuġġieġa hemm fejn niżlu, waqt li

kienu l-aktar jeħtiġuha.

Id-daħla Tal-Għażżenin, fi żmien San Pawl, kienet aktar naħa ta' żewġt ibħra milli kien il-kanal ta' Sermul, ħada l-Mistra. F'Tal-Għażżenin kien hemm bħal driegħ tal-blât, twil, mimdud fil-baħar, jibda minn fejn issa baqa' l-iskolli, u jibqa sejjer għal wiċċ il-Grigal xi kwart ta' mil il-barra. Meta l-baħar ikun hiedi, jekk tieqaf quddiem it-Torri ta' San Pawl, il-fdâl ta' dan id-driegħ tal-blàt abjad għadu jidher taħt l-ilma. Fil-Grigâl qawwi, il-mewġ għadu jaħbat ma' dal-ħajt tal-blat taħt l-ilma, u fil-wiċċ jagħmel triq tar-ragħwa, tielgħa u nieżla, imma tibqa' dejjem fi mkienha. Għalhekk dak l-imkien kien tassew jixraqlu l-isem ta' *topos dithalassos*, għax ma' dak is-sarbut blat kie-



*Xbiha meħuda mill-ktieb tal-Kommendatur Abela mxandar fis-sena 1647, li fiha tidher il-fehma tiegħu ta' kif ġara n-Nawfraġju. Kif deherlu hu, il-ġifen inkalja fi Rdum il-Bies u l-ħuġġieġa saret f'Tal-Għażżenin, xi nofs siegħa mixi, fix-xita, fuq art kollha tajn u ġebel.*

nu jaħbtu żewġ kurrenti. U dan hu msaħħah mill-isem Tal-Għażżenin, li hu t-taħsîra ta' *Thalassanejn*, jiġifieri ż-żewġt ibħra. Abela kien imgħaġġel wisq biex ixandar il-fehma tiegħu, u ma qagħadx minn qabel iqisha u jiżinha.

Kif jista' jingħaraf mill-ktieb ta' Abela (Descrittione di Malta), faċċata 235, ir-raġunijiet li ġiegħluh jemmen li l-ġifen ta' San Pawl waħal il-Mistra, huma (1): il-qlib ħażin mill-Grieg għal-Latin tal-kliem tal-*Atti*, fejn hemm miktub li l-baħrin *telqu lilhom infushom mal-baħar* (committebant SE mari) u mhux kif kellu jinkiteb, li *telqu l-ANKRI fil-baħar*, bħal ma hemm miktub fil-Grieg. U (2): it-tismija fil-manuskritt tal-*Atti* bil-Għarbi li hemm Ruma (fil-Propaganda Fide), li l-ġifen ta' San Pawl, f'Malta, ħabat *bejn żewġ għerien.*

Imma (1), imqar li kieku l-qlib bil-Latin kien tajjeb, il-qofol huwa l-imkien fejn kien marbut il-ġifen bil-leji. Kieku l-ġifen kien marbut aktar qrib Buġibba milli qrib il-Gżejjer, u kieku l-baħrin telqu l-ġifen imur mal-baħar, kien jibqa' dieħel il-ġewwa, mhux jintafa' mir-riħ għan-naħa tal-Mistra. U (2) f'Tal-Għażżenin ukoll hemm żewġ għerien; jekk il-manuskritt Għarbi hu ta' min jorbot fuqu, kif jista' juri Abela li l-għerien tal-Mistra, mhux l-għerien Tal-Għażżenîn, li huma msemmija?

Għalhekk u la l-Mistra anqas il-Gżejjer ma għandhom x'jaqsmu mal-Miġja ta' San Pawl f'Malta. Abela kiteb fis-sena 1647, u huwa ta' min jagħdru, imma l-Maltin tal-lum, li jibqgħu jimxu fuq l-għelt tiegħu, mhumiex ta' min jagħdirhom. U meta jwebbsu rashom f'dan il-għelt u jgħidu dan lil barranin, xejn ma jkunu jgħinu biex iżidu l-prestiġju ta' dil-Gżira.

ELSIE.

# IL-GROTTA TA' SAN PAWL TAR-RABAT

## 1 — JEKK SAN PAWL ĠIEX TASSEW MALTA

Ġie żmien li l-għorrief tmerew bl-aħrax bejniethom fuq jekk San Pawl ġiex hawn, f'Malta tal-Mediterran, inkella marx fi gżira oħra, Meleda, li qegħda fil-baħar Adrijatku. Dak iż-żmien, il-kittieba, jew l-għorrief kienu jiġbdu lejhom wisq, aktar milli jiġbdu lejhom il-kittieba tal-lum. Kienu jqabbdu dufrejhom f'sifja, biex iġiegħlu lil min jemmen li għandhom raġun, għal kemm drabi jkunu jafu li ma għandhomx. Il-lum ma għadux wisq hekk. Is-sewwa tal-istorja hu wisq aktar meqjum milli kien dak iż-żmien.

Għal dan, illum, kulħadd jemmen li San Pawl ġie Malta tal-Mediterran għax ta' dan hemm raġunijiet sħaħ. Li sata' mar Meleda hemm kemm ir-raġuni wkoll, imma m'humiex raġunijiet sħaħ, għax kollha b'xi biċċa nieqsa. Bħalli kieku San Luqa kiteb li kienu jbaħħru f'baħar jgħidulu Adrija, jiġifieri l-Adrijatku, fejn hemm il-gżira ta' Meleda; imma din ma hix raġuni sħiħa, għax dak iż-żmien kienu jgħidulu Adrija l-baħar kollu, minn hemm fuq sa Sqallija u Malta, u ta' dan hemm id-dokumenti. Biċċa raġuni oħra hi tal-lifgħa: għax Malta ma hawnx issa, anqas qatt ma kien hawn, lifgħat. Imma l-lifgħa mhux

b'saħħa li kienet ta' Malta. Setgħet ġiet mal-ħatab li xtraw il-Maltin ta' dak iż-żmien minn Tripli jew mill-Greċja; bħal ma' jiġu l-ġrieden fl-imriekeb, jistgħu wkoll jiġu s-sriep u l-lifgħat. Castagna, fl-Istorja ta' Malta li kiteb (faċċata 6) isemmi li darba hawn Malta, mal-merkanzija, ġie serp minn Venezja mhux kbir bi ftit. U ftit snin ilu ġewwa ajruplan, Ħal-Luqa, sabu serp li ma hawnx bħalhom Malta; u wieħed minn dawk li jagħmlu l-għamara, il-Hamrun, ftit żmien ilu, sab serp ħaj, jew lifgħa Malta għal ħabta ta' nofs Novembru, u s-sriep u l-lifgħat malli jibda l-ksieħ jidħlu ġewwa xi ħaġa biex jgħaddu x-xitwa reqdin), hi ħaġa żgħira kemm tista' tkun.

Raġuni sħiħa li San Pawl ġie Malta hi, li kif kiteb San Luqa wkoll, mill-gżira li kienu fiha, siefru fuq ġifen li kien ġie minn Lixandra u sejjer Ruma. Imma ġifen li mill-Eġittu jkun sejjer Ruma ma jgħaddix mill-Jugoslavja fejn qiegħda Meleda, għax hemm mhix triqtu. Jgħaddi minn Malta tal-Mediterran. San Luqa kiteb




*Pjanta tal-Grotta ta' San Pawl tar-Rabat. a-a: taraġ li jieħu għall-Grotta; b: taraġ li jitla' għall-knisja; c-c-c: grotta minn fejn jittieħed il-frak tal-ħaġar; d: statwa ta' San Pawl; e: pilastru mibni; f: nifs fis-saqaf; g: artal ta' San Pawl; h: artal ta' San Luqa; i: artal San Trofimu; j: sagristija.*

x'kienet, mal-injam li ġieh minn barra. Mela li dik il-lifgħa li gidmet lil San Pawl li kienet ġewwa l-qatta tal-ħatab li hu xeħet fin-nar, li kien miġjub minn barra (il-lifgħa kienet daħlet torqod fiha, għax San Pawl ġie ukoll li huma u sejrin Ruma, l-ewwel għaddew Serqusa mbagħad Reġġu. Imma kieku kienu ġejjin minn Meleda, l-ewwel kienu jgħaddu Reġġu mbagħad Serqusa, jew aħjar, Serqusa ma kienu jgħaddu xejn, għax mhix

fi triqthom. Għaliex jibqgħu nezlin s'hemm isfel bla ma jkun meħtieġ?

Mela San Pawl, l-akbar Appostlu fost kollha, ġie hawn Malta. U mhux ġie biss, imma għadda hawnhekk xejn inqas minn tliet xhur.

Tliet xhur, għal San Pawl, bniedem li ma għandux heda, dejjem jiġri minnaħa għall-oħra jaħdem ix-xogħol tiegħu li jħabbar il-Vanġelu, huwa



*Ir-Rabat, Malta. It-Taraġ Imqaddes li minnu kien jitla' u jinżel san Pawl meta jmur jgħallem lil Maltin u jfejjqilhom il-morda. Jinsab ħada l-istatwa tal-qaddis, maġenb il-Grotta.*

żmien twil sewwa. X'għamel mela f'Malta San Pawl, ma' tul dawk it-tliet xhur? Qagħad xi mkien sieket u hiedi? Ma jistax ikun! Min jaf kemm xogħol għamel u kemm ħidma ħadem, għad li San Luqa li kien miegħu, minn dan kollu ma jsemmi xejn. Żewġ ħwejjeġ biss kitbilna San Luqa; żewġ ħwejjeġ qosra u maħsuba, u mdaħħlin ġewwa xulxin: San Pawl għamel il-ġid lil Maltin għax fejqilhom il-morda kollha (Atti, XXVIII, 9) u l-Maltin għamlu l-ġid lil San Pawl, għax qabel ma siefer għabbew lilu u lil sħabu b'kull ma kienu jeħtieġu għat-triq (hemm ukoll, vers 10); jiġifieri San Pawl u l-Maltin saru benefatturi ta' xulxin.

Imma għalkemm irqaqat San Luqa na kitbilniex, fuq kif għadda t-tliet xhur tiegħu San Pawl f'Malta, fuq dan nistgħu niġbru qatigħ frak u nqegħduh ħada xulxin u nqabbluh u nkunu nafu ħafna. Niftiehmu sewwa: il-frak irid ikun jaqbel, għax jekk ma jkunx, ma jiswilna xejn. Bħallikieku, nafu tajjeb il-karattru ta' San Pawl, għax hu kiteb għadd ta' ittri, li għadhom fid-dinja, u naqrawhom kull meta rridu, u fihom wisq drabi semma lilu n-nifsu. U nafu wkoll l-istorja tiegħu u d-drawwiet u l-liġijiet ta' dak iż-żmien. U għandna kotra kbira ta' għidut jew *tradizzjonijiet*, fuqu, jiġri f'Malta. Jekk dan il-għidut jaqbel mal-karattru ta' San Pawl u mad-drawwiet u mal-liġijiet u mal-istorja ta' dak iż-żmien, hu ta' min jemmnu; jekk le, ta' min iħallih.

Waħda mit-*tradizzjonijiet* il-kbar li hawn Malta, hi li San Pawl meta kien hawn kien jgħammar ġewwa grotta mħaffra fil-blat fil-ġenb il-barrani talfoss tal-belt il-kbira ta' dak iż-żmien. U fuq dan sa naraw xi ħaġa fil-qosor f'dil-kitba ta' hawnhekk.

## II — L-IMDINA FI ŻMIEN SAN PAWL

Ir-Rumani ħadu Malta minn għand il-Kanghanin ta' Kartaġni fis-sena qabel Kristu 216, fiż-żmien li Kartaġni kienet tħabbatha ma' Ruma fis-

saħħa u fiċ-ċiviltà. Billi Malta qegħda qrib sewwa minn Kartaġni, kienet ukoll 'il quddiem ħafna fiċ-ċiviltà, u għal dik li hi saħħa kienet torbot fuq ommha, Kartaġni. Għal dan ir-Rumani wara li ħadu Malta kienu jgħodduha bħala sieħba ta' Ruma, m'hux bħala mirbuħa minnha, u ħallewha taħkem lilha nfisha bil-liġijiet li tagħmel hi.

Għal kemm Titu Sempronju dak li minn dak il-ġidd. Għalhekk ir-Rumeta ħadu Malta ma kellhomx x'jibdlu wisq; l-aqwa li għamlu semmew l-allat Kanghanin bl-ismijiet tal-allat tagħhom, jiġifieri Melqart semmewh Jupiter u Astart semmewha Juno, u hekk.

Għeliem ieħor ta' kemm kienet 'il quddiem Malta meta ħaduha r-Rumani huwa l-kobor tal-belt ewlenija jew *kapitali* ta' Malta ta' dak iż-



*Ir-Rabat, Malta. Ħabs antik qrib il-Grotta ta' San Pawl. Jidhru l-imrâbat fil-belt fejn kienu jorbtu l-priġunieri.*

ħa Malta, għadd ta' suldati li qabad li ma kellhomx biex jinfdew, ħadhom u biegħhom kif kienet id-drawwa, jidher li n-nies ta' darhom ma nibixhomx, u baqgħu hawn għal xogħolhom, min hu għani, jegħna, u min hu ħaddiem, jaħdem. Ara kemm hu hekk, li għal ħabta ta' xi erbgħin sena qabel Kristu, wieħed Grieg ta' Sqallija li ġie żar Malta u kiteb fuqha, qal li kienet kolonja Kanghanija, ara kemm in-nies kienu qishom kollha żmien. Il-bliet ewlenija dak iż-żmien kienu jkunu żgħar, saħansitra meta l-pajjiż ikun kbir, waqt li għad li Malta żgħira, il-belt ewlenija tagħha kienet imsawra sewwa, u kbira mill-ewwel tagħha. Li l-Imdina kienu bnewha l-Kanghanin, m'hux ir-Rumani, jidher għax qegħda fuq ras ta' ħanek ġebli fuq għolja, kif kienu jibnu bliethom il-Kanghanin u n-nies tal-ġidd tagħhom, waqt li r-Rumani kienu jħobbu jibnu bliethom fl-ishla u l-

wetgħat. Li l-Imdina kienet kbira mill-ewwel tagħha, m'hux kabbruha wara, jidher l-ewwel, għax foss wieħed għandha, u t-tieni għax minn dal-foss 'il ġewwa qatt ma ngħad li nsabu qbur. Biex insemmu belt waħda, Ġerusalemm minn David sa Kristu, medda ta' xi elf sena, kabbruha naqra naqra, erba' jew ħames darbiet. Issa l-kobor tal-belt ewlenija jfisser li kien hawn għadd kbir ġmielu ta' nies għonja, għax il-belt il-kbira kienet tkun l-aktar għan-nies l-għonja, m'hux għall-bdiewa u r-rgħajja u s-sajjadin.

Kemm kienet kbira l-Imdina (il-Griegi u r-Rumani kienu jsemmuha *Melita*, imma hawn insemmuha Imdina, biex naqtgħu qasir) fi żmien ir-Rumani, dejjem kif ħallewha l-Kanghanin, għadu sal-lum magħruf sewwa, għax il-foss tagħha għadu jidher minn tarf sa tarf. It-tul tiegħu, kif jgħid Manwel Caruana (għax jien ngħid għalija ma qistux) hu ta' elfejn u sitt mitt xiber (2,600) u l-wisa' tiegħu tnejn u tmenin (82) u l-għomq jew *fond* tiegħu tnax (12). Il-foss ma kienx mad-dawra tagħha kollha, għax ma kienx hemm għal fejn billi n-naħa tax-Xmiel, tax-Xerq u tal-Għarb is-sur tagħha kien mibni fuq blat għoli. Il-foss kien biss in-naħa tal-Qibla, jew Nofsinhar, għax hemm is-sur kien mibni fuq is-sehel, m'hux fuq il-blat għoli, billi l-ħanek ġebli li semmejna l-ewwel kien jibqa' sejjer, għoli wieħed lejn Binġemma u Wied-il-Luq kif għadu jidher sal-lum. Il-foss, kif għadu jidher jibda minn wara l-isptar ta' Sawra f'naħa jgħidulna t-Tribuna, u jibqa' sejjer għal ġnien ta' Buleben u hemm jaqta' ftit, għax hemm, fejn issa hemm it-trik tal-Buskett, kien hemm wieħed mill-bibien tal-belt. Jarġa' jibda minn fejn issa d-Dar tal-Azzjoni Kattolika u jibqa' sejjer għan-naħa tal-Knisja ta' San Pawl, li hi mibnija ġewwa dak il-foss. Hemm kien jarġa' jaqta' għax kien hemm il-bieb tan-nofs, u aktarx il-bieb l-ewlieni, tal-belt, li 'l ġewwa minnu kien hemm il-misraħ u minnu 'l ġewwa l-"cardo maximus," jiġifieri t-triq ewlenija, li fil-misraħ u fiha kienu jagħmlu s-suq tal-biegħa ż-żgħira, bħal frott u ħaxix u hekk, u 'l barra mill-misraħ (jiġifieri barra l-bieb tal-belt), is-suq tal-biegħa kbira, bħal ngħaġ u mogħoż u baqar u xkejjer ta' qamħ, kif għadhom jagħmlu fi bliet oħra ta' ġidd il-Kanghanija. Il-foss hemm kien jarġa' jibda, minn fejn issa jgħidulu l-Ħofra, quddiem il-Knisja ta' San Pawl, u jibqa' sejjer lejn l-Egħriexem, u nofs triq fejn il-lum tibda Triq Manwel Vitale kien hemm bieb ieħor. Imbagħad jarġa' jibda u jintemm għal kollox qrib fejn hemm il-lum il-knisja żgħira ta' Santa Marija ta' Qasgħa, għax hemm is-sur kien jarġa' jkun mibni fil-għoli, fuq il-blat.

Mis-sena 216 qabel Kristu, meta r-Rumani ħadu Malta, sas-sena 60 wara, meta ġie Malta San Pawl, tgħodd l-erba' snin nieqsa li hemm, jagħmlu 280 sena. Ma' tul dawn is-snin kienu ġew joqogħdu hawn għadd kbir ġmielu ta' Rumani għonja, kif jixhdu l-fdalijiet tad-djar sbieħ tagħhom li nsabu kemm-il naħa. Bis-saħħa ta' dawn kienu nbnew xi knejjes lill-allat ta' Ruma u kien hemm xi niċeċ u xi ġonna bi statwi tar-rħam li uħud minnhom insabu u qegħdin għal wiri fil-Mużewijiet. Imma l-qofol tan-nies kienu għadhom Kangħanija, għal hekk meta ġie San Pawl, in-nies li għenuh jeħles mill-għarqa, lilu u 'l sħabu, San Luqa li kienu miegħu semmihom barbrin. Nies li jaħdmu fir-raba' u rgħajja u sajjieda, kienu jitħaddtu bil-lsien Kanghani mħallat b'xi kelma Griega u Latina, mhux bl-ilsien mirqum tal-Ellenin.

# L-Istorja ta' San Pawl

*(Torbot mal-għadd ta' qabel, faċċata 62)*

Meta Pawlu u Bar-Naba waslu Antjokja, tas-Surija, wissew lill-Insara kollha ta' dik il-belt (kif kien jixraq), biex f'jum u ħin imgħajjna, jiltaqgħu u jgħidulhom x'kienu għamlu u ma għamlux u x'kien għadda minn għalihom ma' tul dik is-safra ta' tħabbir. L-Insara marru bi ħġarhom u ż-żewġ Appostli qalulhom fit-tul fuq kif ftit Lhud u ħafna Pagani emmnu fi Kristu. Qalulhom ukoll li l-Lhud, li kien imisshom ikunu l-ewwel nies li jemmnu, fil-kotra tagħhom, mhux talli ma emmnux, talli kienu huma li l-aktar fixkluhom u xewwxu l-barranin għalihom. Billi l-Insara ta' Antjokja tas-Surija qabel kienu fil-qofol Pagani, meta semgħu li sħabhom u nieshom kienu milqugħa fil-knisja Nisranija, ferħu ferħ kbir wisq.

L-aħbar li Pawlu u Bar-Naba kienu ġew mill-ġdid f'Antjokja tas-Surija mid-dawra tagħhom, u li kienu ġiegħlu għadd kbir ta' Pagani jemmnu bi Kristu, waslet ukoll lill-Insara Lhud ta' Ġerusalem. Għadd kbir minn dawn kienu Farisin u mogħtijin għal ħarsien tal-Liġi ta' Mosè, li Ġesù Kristu miet fiha u qatt ma ċaħadha. Għadd ta' Nsara minn dawn ta' Ġerusalem marru Antjokja tas-Surija jkellmu lil Pawlu u lil Bar-Naba. Ħalli jaraw x'kienu għallmuhom lil dawk li emmnu fost il-Pagani, qalulhom jew le li jinħatnu u jħarsu l-Liġi ta' Mosè.

Pawlu u Bar-Naba qalulhom li le; għal hekk dawk b'ħalq daqsiex bdew jgħajtu li jekk dawk li kienu Pagani ma jinħatnux, mal-magħmudija, u ma jħarsux il-Liġi ta' Mosè, ma setgħux jeħelsu ruħhom.

Pawlu u Bar-Naba waqfulhom u tlewmu tilwim kbir magħhom, u ma setgħux jiftiehmu. Għal hekk baqgħu li jitilgħu Ġerusalem quddiem l-Appostli l-oħra, Pietru u Ġakbu, u joqogħdu fuq dak li jgħidulhom huma. Dan kien fil-Ħarifa tas-sena disgħa u erbgħin, jew fir-Rebbiegħa tas-sena Ħamsin.

Għalhekk it-taqsima tal-Insara ta' Pawlu u Bar-Naba telqu minn Antjokja tas-Surija, għaddew min-naħa tal-baħar, min-nofs il-Feniċja, għas-Samarija u minn hemm għal Ġerusalem. Minn kull fejn għaddew kienu jlaqqgħu lill-Insara ta' kull belt u jgħarrfuhom bid-dawra li kienu għamlu għat-taħbir tal-Evanġelju u bil-għadd kbir ta' dawk li kienu Pagani u qalbu Nsara; u li mħabba fihom, biex iħarsuhom mit-toqol tal-Liġi ta' Mosè, kienu telgħin Ġerusalem. F'Ġerusalem ix-Xirka Nisranija kienet magħmula minn tliet tarġiet: fuq kulħadd kienu t-tliet Appostli, Pietru, Ġakbu u Ġwanni; wara dawn kien hemm ix-Xjuħ irġiel aktarx imdaħħla fiż-żmien, magħrufa għal għelm, għat-tjieba u għat-tiġrib tagħhom; u fl-aħħar, il-bqija tal-Insara. Dawn lakgħu bil-ferħa liż-żewġ naħat u ftiehmu meta kellhom jiltaqgħu biex jitħaddtu.

Il-jum wasal u l-laqgħa bdiet, u kien hemm qatiegħ tilwim, min-naħa l-waħda u l-oħra. Meta sama' kemm deherlu, Pietru qam juri l-fehma tiegħu u jagħti kelmtu. Pietru ftit snin qabel, fuq twissija mis-sema

kien daħħal fix-Xirka Nisranija lil Kornelju u lil nies daru, bla ma għabbihom bil-ħarsien tal-Liġi ta' Mosè (ara Atti, X, 20-45). Għal hekk qal lil ġemgħa li dak li jamar Alla ma kellux iħassru l-bniedem. La Alla amar lilu li jdaħħal wieħed Pagan fix-Xirka tal-Insara u jisfih bit-twemmin fir-ruħ; ma kienx hemm għal fejn huma jġiegħlu lil Pagani li jaqilbu Nsara u jissaffew bil-ħtin, filġisem. U hekk ukoll qal Ġakbu, Ħu Kristu, li urihom ukoll li dak kienu ħabbruh minn qabel il-profeti. Ġwanni ma hux miktub li tkellem, imma għandna naħsbu li xi ħaġa f'dan issens qal ukoll.

Inqata' mela, li għas-serħan ta' moħħ l-Insara l-ġodda, kellha tintbgħat ittra *ċirkulari* fejn iwissuhom li bħala omra li ma jistgħux jonqsu kellhom iħarsu biss dan: ma jagħtux qima lill-allat qarrieqa; (ma joqtlux) u ma jiżnux; ma jieklux laħam maħnuq u demm; (ma jisirqux u ma jigdbux) u ma jagħmlux lil ħadd




*L-ewwel safra ta' San Pawl għat-tħabbir tal-Evanġelju.*

ieħor dak li ma jridux li jingħamel lilhom. Jiġifieri jgħixu ħajja ta' nies sewwa u bil-għaqal, u jieħdu ħsieb jgħinu lil foqra u lill-imsejknin (ara Atti, XV, 6-29; Galatin, II, 1-16).

Din iċ-*ċirkulari* bagħtuha ma' Jehuda u Silas, żewġ kbarat Insara f'Ġerusalem, li marru Antjokja tas-Surija ma' Bar-Naba u Pawlu. Meta waslu qrawha lill-Insara ta' hemm u hennewhom b'wisq kliem ta' faraġ. Imbagħad Jehuda raġa' lejn Ġerusalem u Silas baqa' f'Antjokja.




*It-Tieni Safra ta' San Pawl għat-tħabbir tal-Evanġelju.*

Ftit żmien wara *ċ-ċirkulari* Pietru n-nifsu mar Antjokja u għall-ewwel kien jissieħeb u jiekol mal-Insara li qabel kienu Pagani, bla ma jqis id-drawwiet il-qodma tal-Lhud. Ftit wara li kien ilu hemm, ġew Insara Lhud minn Ġerusalem u Pietru baża' minnhom, u nfired minn dawk li kienu Pagani qabel, u beda jagħmilha u jiekol mal-Lhud bħalu biss.

Għal dan Pawlu sogħob bih u telagħlu, għax b'egħmilu Pietru kien ġieb fix-xejn kull ma kien għallem u għamel Pawlu, u miera wkoll iċ-*ċirkulari*, li kienet inbagħtet minnu u mill-Appostli l-oħra li kienu Ġerusalem. Pawlu, quddiem l-Insara kollha, liem lil Pietru fuq dal-egħmil tiegħu, u qallu: "Jekk inti, li int Lhudi, għext ħajja bħal tal-Insara li kienu Pagani, kif trid li l-Insara, li kienu Pagani, jgħixu ħajja bħal tal-Lhud? Mela b'egħmilek, donnok trid turi li dak li ma tiflaħx tagħmel int, għad li int imħarreġ, għandu jagħmlu ħadd ieħor, li ma hux imħarreġ bħalek!"

Kif baqgħu Pawlu u Pietru wara din it-tilwima, fil-Kotba Mqaddsa ma hux miktub; magħruf sewwa imma li baqgħu ħbieb, għax huma ma kienux jaħdmu kull wieħed għal dak li jaqbel lilu, imma għal dak li kien jaqbel lil Ġesù Kristu, li kien għajtilhom għal dak ix-xogħol: lil Pietru qabel il-mewt u lil Pawlu wara

l-qawma.

Ftit wara dil-ġrajja Pawlu raġa' kellu xi jgħid ma' Appostlu ieħor: ma' sieħbu, jew aħjar ma dak li fil-bidu kien il-mexxej tiegħu: l-Appostlu Bar-Naba. Il-biċċa kienet hekk:

Pawlu wara xi żmien li kien ilu f'Antjokja tas-Surija, qal lil Bar-Naba biex jerġgħu jmorru jżuru żjara lil ġemgħat tal-Insara li kienu rawwmu qabel, f'Ċipru u fit-Turkija. Ġwanni-Marku, bin oħt Bar-Naba, dak iż-żmien kien jinsab Antjokja wkoll, u zijuh, Bar-Naba, qal lil Pawlu biex f'dit-tieni dawra jerġgħu jeħduh magħhom. Pawlu deherlu li huma ma kienux tażżejjed u n-nieqes, u la darba Ġwanni-Marku, id-darba l-oħra kien telaqgħom f'nofs leħja, ma kellhomx jerġgħu jeħduh issa. Bar-Naba deherlu li kellhom jaħfrulu, u Pawlu baqa' jżomm jiebes li ma kellhomx. Għal dan infirdu wieħed mill-ieħor; Bar-Naba mar Ċipru u ħa miegħu lil Ġwanni-Marku, u Pawlu ħa miegħu lil Silas u telaq lejn il-Kilikja, jiġifieri t-Turkija. Kien għal ħabta tal-aħħar sena 49 jew l-ewwel tas-sena 50 W.K.

Minn Antjokja tas-Surija, Pawlu ma' Silas baqa' tiela' 'l fuq u mar żar il-belt tiegħu, Tarsu, fil-Kilikja, u għadda Derbe u Listra, fejn kien rawwem qabel Xirka ta' l-Insara, meta kien hemm ma' Bar-Naba, is-sena ta' qabel. Hemm, f'Listra kien hemm żagħżugħ jismu Timotju, ommu Lhudija, li kien tifel tajjeb għall-aħħar, kif xehdulu l-Insara kollha ta' dawk in-naħat. Lil dan Pawlu ħadu miegħu minn bdiel Ġwanni-Marku. Minn kull belt li kienu jgħaddu kienu jagħtu lill-Insara kopja taċ-*ċirkulari* fuq x'għandhom iħarsu, maħruġa mit-Tliet Appostli l-Kbar u x-Xjuħ tal-Insara f'Ġerusalem. U bis-saħħa tagħhom il-Knisja wtieqet fit-twemmin u żdiedet fil-għadd.

Baqgħu sejrin Antjokja tal-Pisidja u minn hemm telgħu lejn ix-Xmiel, għax Ruħ il-Qodos mengħathom ixandru Kelmet Alla fl-Asja lejn il-Għarb, (aktarx għax hemm kien hemm ixandar l-Evanġelju xi ħadd ieħor). Hekk għaddew minn pajjiż jgħidulu Galatja, u hemm Pawlu marad, imma n-nies ta' hemm daru bih u għamel ħafna minnhom Insara (ara Ittra lil Galatin, IV, 13-15). Minn hemm wara li Pawlu fieq, għaddew għal pajjiż ieħor jismu Frigja, għall-ieħor jgħidulu Misja, u minn hemm niżlu Troas, fejn Pawlu ltaqa' ma Luqa, li wara kiteb l-"Għemil tal-Appostli", l-aktar ta' Pawlu. Hemm fi Troas, darba bil-lejl, kif Pawlu kien mimdud, lemaħ raġel mill-Makedonja, li talbu u qallu "Għaddi ftit fl-art tagħna, u għinna!" U kif ra dan, Pawlu qata' li Alla riedu jmur hemm. Dan kien l-aħħar tas-sena, 50, jew l-ewwel tal-51.

Telqu minn Troas bil-baħar u waslu fi gżira jisimha Samotraki, u l-għada laħqu Neapli, li l-lum jgħidulha Kavalla; safra, minn Troas ta' 144 mil. Minn hemm ġew f'belt jisimha Filippi. Il-Lhud ta' Filippi, daqs kemm kienu ftit, anqas biss kellhom sinagoga, għalhekk kienu jmorru jiltaqgħu u jsellu barra mill-belt, qrib għajn tal-ilma. Pawlu bħala ma dari, fittex l-ewwel lil-Lhud, l-ewwel Sibt li ġie. Hemm, ħada l-għajn, ma sabx għajr nisa, u wħud minnhom anqas kienu Lhud, imma nisa Griegi, imxerkin magħhom. Pawlu qabad ifissrilhom fuq Kristu, u mara minnhom, għanja, bejjiegħa tal-porpra, jisimha Lidja, emmnet, u qatgħet li 'l quddiem tgħix fuq dak li kien jgħallem Pawlu. Din tgħammdet u talbet lill-

erba' xandâra — Pawlu u Silas, Timotju u Luqa — li kemm idumu hemm, jgħammru ġewwa darha. Damu Filippi ftit żmien, u f'din il-belt kollox kien miexi ħajt ħarir, sakemm inqala' l-għawġ, kif sa ngħidu hawnhekk. Kien hemm f'dil belt xebba b'ruħ bassâra, li lil sjedha b'tibsirha kienet tqallagħhom ħafna flus. Din, kull meta kienet tara lil Pawlu u lil sħabu mexjin, kienet tmur warajhom, u tgħajjat: "Dawn ir-rġiel qaddejja t'Alla l-Għoli! Dawn jgħallmukom it-Triq tas-sewwa!" Pawlu ħenn għall-imsejkna xebba u ma felaħx aktar. Darba dar u resaq lejha u qal lil ruħ il-basar: "Namrek b'Isem Gesù Kristu li titlaq minnha!" U r-ruħ telqet minnha u hi ma bakgħetx tbassar.

Sjied ix-xebba dil-ħaġa ħaduha bi ħsara, għax b'hekk ma baqgħux jaqalgħu flus minn fuqha. Għal dan, kif Pawlu u Silas kienu barra, qabduhom u ressquhom quddiem l-imħallfin, f'nofs il-misraħ. Xlewhom li Pawlu u Silas kienu Lhud u kienu jgħallmu Din li ma jaqbelx lil dik il-belt, fejn in-nies kienu Rumin. Sa dal-ħin in-nies inġemgħet u bdiet tgħajjarhom u tmaqdarhom, għal hekk l-Imħallfin ġiegħlet lis-suldati jneżżgħuhom u jagħtuhom is-swat quddiem kulħadd, u wara xeħtuhom il-ħabs. Wissew lil tal-għassa li jgħassilhom sewwa, u dan xeħethom fil-ħabs ta' ġewwa nett, u rabtilhom saqajhom bil-felqa.

Imma f'xi nofs il-lejl l-art theżżet u bieb il-ħabs infetaħ u rbat il-maħbusin inħall. Il-għassies qam bid-deħxa u ra bieb il-ħabs miftuħ, u ħaseb li l-maħbusin ħarbu, u kien hekk u kollox sa jinfed sidru b'sejf. Pawlu lemħu u għajjatlu u qallu joqgħod qagħdu, għax ma kien ħarab ħadd. Il-għassies intebah li dik it-teħżiża kienet saret minn Alla għal ħelsien ta' Pawlu u Silas, għalhekk ħariġhom mill-ħabs u ħadhom id-dar tiegħu, u emmen fi Kristu u nies daru. Temagħhom u sqiehom u reġa' daħħalhom il-ħabs qabel ma sebaħ.

Sa dal-ħin l-Imħallfin kienu semgħu li Pawlu u Silas kienu Cives Romani, għalhekk ġew u ħarġuhom mill-ħabs bil-kelma t-tajba u talbuhom jitilqu minn dik il-belt. Huma sabbru u farrġu lill-Insara u telqu minn hemm.

Telqu minn hemm u għaddew minn pajjiż jismu Amfipolis u ieħor jismu Appolonja, u waslu Salonki (safra ta' 94 mil), fejn kien hemm sinagoga tal-Lhud. Qagħadu f'dar wieħed raġel jismu Jason, u hemm Pawlu qabad jinseġ, u nhar ta' Sibt kien imur jgħallem is-sinagoga, u mar tliet Sibtijiet wara xulxin. Hemm kien jitħaddet mal-Lhud u jfiehmhom bil-Kotba Mqaddsa li l-Messija kellu jbati u jmut u fit-tielet jum jerġa' jkum mill-mewt. U dak kien Ġesù li hu kien ixandar.

Uħud mil-Lhud emmnu u għadd kbir ta' Pagani mxerkin mal-Lhud, emmnu wkoll. U nisa wkoll emmnu mhux ftit. Imma hemm ukoll it-tenniet il-ġrajja ta' dari: il-Lhud xaħħmu għadd ta' rġiel mill-agħar li kien hemm fil-belt, u qajmu tixwixa. Ħabtu għal dar Jason fejn kienu l-Appostli u fetħuha u ma sabuhomx hemm. Qabdu lil Jason u lil xi Nsara oħra u ħaduhom il-misraħ quddiem l-Imħallfin. Dawn stħarrġu lil Jason u lill-Insara l-oħra u wara telquhom. U biex ma jinqalax għawġ, l-Insara ħarrbu lill-Pawlu u lil Silas bil-lejl u bagħtuhom f'belt jisimha Bereja, mixja minn Salonki, ta' tliet ijiem.

(*Ikompli f'ħarġa oħra*)

# AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

**Għid il-Kbir f'Ġerusalem** — Dis-sena Għid il-Kbir tal-Kattolki ġie jum wieħed ma' Għid il-Kbir tal-Insâra l-oħra (Griegi, Armeni, Qoptin, Surijin u Abissini) Ortodossi, li għandhom sehem, kbr jew żgħir, fil-jedd, ġewwa l-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu f'Ġerusalem. Dan jiġri darba kull ħamsa jew sitt snin, billi Għid il-Kbir jimxi mal-qamar; u meta jaħbat hekk jeħtieġ ftehim kbir bejn dawn l-Insara kollha, biex waqt il-ħafliet jew *funzjonijiet* tagħhom ma jidħlux f'xulxin. Billi ħabat hekk dis-sena, f'Ġerusalem, għal Għid il-Kbir, kien hemm għadd ta' żawwâra wisq akbar minn ta' dari, għax jinħaseb li kien hemm ma' dwar tmintaxer elf (18,000) ruħ barranîn. Il-Vija Sâgra fit-toroq tal-belt nhar il-Ġimgħa l-Kbira, bi slaleb kbar fuq il-kitfejn, saret mill-Kattolki wkoll. Għal ħniena t'Alla mar kollox sewwa u ma nqala' ebda ġlied.

**Usdum u Għamôra f'Qiegħ il-Baħar** — Wieħed għaref Amerikan, Dr. Ralph Beney stqarr li xi għaddâsa li jaħdmu miegħu, huma u jgħoddsu f'qiegħ il-Baħar il-Mejjet, qrib Qumrân, raw il-ħerba taż-żewġt ibliet, Usdum u Għamôra (bit-Taljan: Sodoma u Gomorra) li kif hu msemmi fil-Kotba Mqaddsa kienu nħarqu eluf ta' snin ilu b'egħdieb Alla. Imma Dr. Beney ma kellux il-ħila juri ritratti ta' dak li qal li raw il-għaddâsa tiegħu f'qiegħ il-baħar, għax, qal hu, l-ilma ta' dak il-baħar ma hux ċâr biżżejjed biex jittieħdu ritratti fih. Hu x'inhu la darba ma weriex provi, dak li qal u la twemmen anqas inċaħad, tal-anqas għal issa.

**"Erezija" ta' Ben Gurion** — Il-Kbir tal-Lhud ta' Israel David Ben Gurion, f'Mejju li għadda ħareġ b'waħda ħoxna għall-aħħar, għad li għal-Lhud għandha s-siwi tagħha. Qal li ma jistax ikun minnu li Mosè ħareġ mill-Eġittu żewġ miljuni Lhud (2,000,000) kif inhu miktub fil-Bibbja, u ħadhom fil-barr tas-Sinaj u minn hemm daħħalhom fil-Palestina. Qal li l-Lhud li ħarġu mill-Eġittu ma' Mosè ma setgħux kienu aktar minn xi sitt mija (600). Il-fehma tiegħu hi li għadd kbir ta' Lhud qatt ma kienu marru l-Eġittu, imma baqgħu il-Palestina. Dawk is-sitt mija ta' Mosè (dejjem kif qal Ben Gurion) meta daħlu l-Palestina saru l-mexxejja tal-Lhud l-oħra li kienu hemm, u għallmuhom Din ġdid u ġiegħluhom iqumu għal Kanghanîn ta' dik l-art u jegħlbuhom u jeħdulhom pajjiżhom, u hekk inħoloq il-Ġens Lhudi. Ir-raġunijiet li ġieb huwa huma dawn: li żewġ miljun nies ma jistgħux igħixu f'dak il-barr; hu mar jara l-għajn tal-ilma li fetaħ Mosè; l-ilma li tagħti kemm-kemm hu biżżejjed biex jixorbu sitt mitt ruħ u l-bhejjem tagħhom. Terġa', kieku tassew li kien hemm żewġ miljuni Lhud fl-Eġittu, ma kienux joħorġu minn hemm, imma kienu jaħbtu għall-Eġizzjani u jeħdulhom arthom u ma joqogħdux imorru fl-art ta' Kanghan, art kollha blat, bi ftit wisq ilma u ħamrija. Ir-Rabbin Lhud ta' Ġerusalem ħadu dan l-għidut ta' Ben Gurion bħala "erezija," u uħud mit-taqsima tagħhom riedu saħansitra li jkun "skomnikat". Imma ma hemmx tama li jegħlbuh, għax hemm żewġ taqsimiet tal-poplu li jaqblu miegħu.

# REQUIESCANT IN PACE

*Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.*

MALTA

QORMI — Grazja Bugeja, Doru Bugeja, Salvu Mifsud, Catarina Mifsud, Giovanni Farrugia, Ludgarda Farrugia, Antonio Farrugia, Florence Farrugia, Rebecca Brunner, Paulina Brunner, Georgina Bonello, Albert Laferla, Emmanuele Pisani, Godfred Buhagiar, Rosina Pace, Filomena Mifsud, Salvatore Spiteri, Giuseppe Spiteri, Concetta Zerafa, Grezia Baldacchino, Giovanni Baldacchino, AntonioBaldachino, Catarina Sciberras, George Sciberras.

HAŻ-ŻEBBUĠ — Pina Brincat, Pinu Brincat, Carmelo Cachia, Gejtana Cachia, Antonio Cachia, Giuseppi Cachia, Giuseppi Cauchi, Angelo Cauchi, Annunziata Cauchi, Salvatore Buhagiar, Pinu Buhagiar, Consolata Buhagiar, Salvatore Abela, Rosa Abela, Xmun Abela, Gużi Abela, Teresa Abela, Maria Abela, Ġiużeppi Vassallo, Ludgarda Vassallo, Elena Sultana, Manuele Sultana, Giużeppi Borg, Romano Borg, Carmela Borg, Giovanni Borg, Maria Borg, Giusżeppi Attard.

L-IMSIDA — George Micallef, Ġiovanna Zammit, Michele Zammit, Catarina Sciberras, Rużar Sciberras, Ġiovanni Sciberras, Luigi Sciberras, Marianna Portelli, Rużar Camilleri, Grezju Camilleri, Anġela Zammit, Salvu Bonello, Ersilia Bonello, Pawlu Grech, Carmelo Calleja, Catarina Calleja, Michelina Calleja, Carmela Calleja.

Ħ'ATTARD — Nikola Mallia, Marianna Mallia, Ġiużeppi Mallia, Anġiolina Farrugia.

TAS-SIEMA — Vinċenza Grech, Saverio Grech, Angelo Caruana, Salvatore Muscat, Maria Debono, Ġiużeppi Mifsud, Ġiovanni Mifsud, Ġiużeppe Attard, Rachela Vitteboro, Ġiovanni Azzopardi, Ġeorgina Azzopardi, Paolo Abela, Carmela Abela, Annetta Taylor, Ġeorgina Bonnici, Kalċedon Caruana, Carmela Caruana, George Mifsud, Mary Mifsud, James Cousin, Dolores Bartolo, Emilia Micallef, Emmanuele Mifsud, Rosarja Leonardi, Antonio Brincat, Enrico Leonardi, Antnio Leonardi, Luigi Mifsud. Carmela Mifsud, Georgina Mifsud, Maria Sant, Elena Felice, Ġiużeppa Felice, Ġiużeppi Vella, Grezia Vella, Angelo Vella, Elena Bugeja, Ġiużeppi Bugeja, Lucija Attard, Karmela Calleja, Massimo Cassar, Ċensina Cassar George Cassar, Karmela Pace, Ġiużeppi Pace, Katarina Pace, Maria Gauci. Ġiużeppi Gauci, Antonio Gauci, Marijanna Micallef, Bert Bezzina, Katarina Aquilina, Bertu Aquilina, Annunziata Aquilina, Salvu Mifsud, Ġiużeppi Mallia, Suor Battistina Camilleri.

BORMLA — Mariroż Grech, Salvu Grech, Dante Grech, Rożina Sciberras Ġiużeppi Galea, Pawla Galea, David Agius, Konċetta Agius, Karmelo Agius, Ġiuseppi Bonello, Toni Grima, Ġuża Bonello, Pawlu Portelli, Marija Portelli, Ġeswarda Portelli, Karmenu Portelli, Zolli Portelli, Ġu-

żeppi Cauchi, Ġanni Cauchi, Ġużeppi Ellul, Tereża Ellul, Katarina Ellul, Toni Ellul, Konċetta Ellul, Ċensu Ellul u Karmenu Ellul.

L-ISLA — Ġanna Block, Ġużeppi Block, David Borg, Manwel Despott, Ċetta Despott, Toni Farrugia, Nata Farrugia, Toni Mallia Manwel Mackarty, Fredu Farrugia, Karmelu Saliba, Lela Saliba, Emilja Micallef, Karmena Micallef, Mikiel Micallef, Agnes Ashmore, Irene Ashmore, Tomasu Ashmore.

IŻ-ŻEJTUN — Karmena Bianco, Karmena Mercieca, Zarenu Mercieca, Franġiska Mercieca, Maria Bianco, Kristofru Bianco, Virginja Consiglio, Kostant Consiglio, Franġiska Consiglio, Wenza Grasso, Marija Grasso, Wistina Consiglio, Karlu Caruana, Ester Tabone, Ġużeppi Tabone, Pawlina Tabone, Toninu Tabone, Ġuża Seychell Wenzu Seychell, Katarina Gatt, Ġużeppi Gatt, Tereża Gatt, Manwel Gatt, Mananni Seychell, Wenzu Attard, Ċensa Attard.

IŻ-ŻEJTUN — Gabriel Orland, Konsilja Galea, Ġużeppi Zahra, Toni Zahra, Bertu Orland, Karmena Orland, Golina Orland, Ġanna Montebello, Konċetta Muscat, Wistina Baldacchino, Feliċ Scicluna, Ċetta Grima.

ĦAL-LUQA — Mari Camilleri, Feliċ Baldacchino.

IN-NAXXAR — Ġanni Borg, Manwel Attard, Ġużeppi Cachia, Bertu Sciberras, Pietru Cilia, Lunzjatu Muscat.

IL-MARSA — Ġiovanna Vella, Wiġi Benkuzzi, Karmenu Cauchi, Ġanni Buttigieg, Ġanni Grech, Carrie Buthbert.

SAN PAWL IL-BAĦAR — Ġużeppa Zahra, Nikol Zahra, Karmenu Azzopardi, Marija Azzopardi, Lwiża Cauchi.

IL-BELT VALLETTA — Ġużeppi HamptonFenech, Fra Antonio Amato, Spiru Gatt, Elisabet Lowell, Tereża Doblesin, Pawlu Galea.

GĦAWDEX

IL-GĦASRI — Salvu Vella, Toni Vella, Feliċ Mizzi, Pawlu Mallia, Kelinu Mallia, Marija Mallia,Pawlu Curmi, Toni Camilleri, Mikiel Camilleri, Salvu Galea, Mikelina Galea, Karmenu Sultana, Salvu Vella, Toni Vella, Ġużeppa Theuma, Klement Cauchi, Franġiska Cauchi, Mikiel Cauchi.

SAN LAWRENZ — Marija Grima, Angela Grima, Ġanna Asciaq, Frans Asciaq, Karmena Vella, Ġużeppi Vella, Katarina Vella, Lonza Cauchi.

IR-RABAT — Orsla Vella, Beneditt Tabone, Madalen Tabone, Salvu Cremona, Toni Grech.

IŻ-ŻEBBUĠ — Ġużeppi Calleja, Margerita Calleja, Margerita Vella, Toni Vella, Ġużeppa Vella, Wiġi Vella, Marija Vella.

*Min-naħa tagħna niżguraw qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem mill-quddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.*